

# Linji Gwida Konġunti dwar il-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fis-settur finanzjarju

---

## Status ta' dawn il-Linji Gwida Konġunti

Dan id-dokument fih Linji Gwida Konġunti maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE; ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE; u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ir-Regolamenti tal-"ASE"). F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolamenti tal-ASE, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz biex ikunu konformi mal-Linji Gwida.

Il-Linji Gwida Konġunti jstabbilixxu l-fehma tal-ASE fir-rigward ta' prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-Linji Gwida Konġunti għandhom ikunu konformi billi jinkorporawhom fil-prassi superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż meta l-Linji Gwida Konġunti huma mmirati primarjament lejn istituzzjonijiet finanzjarji.

## Rekwiżiti ta' rapportar

F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolamenti tal-ASE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ASE rispettiva dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida Konġunti, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni tat-traduzzjonijiet. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti ser jiġu kkunsidrati mill-ASE rispettiva bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu), [JointQHGuidelines.compliance@eiopa.europa.eu](mailto:JointQHGuidelines.compliance@eiopa.europa.eu) u [compliance.jointcommittee@esma.europa.eu](mailto:compliance.jointcommittee@esma.europa.eu) bir-referenza "JC/GL/2016/01". Mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-siti web tal-ASE.

In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni li għandhom l-awtorità xierqa sabiex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-siti web tal-ASE, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

## Titolu I – Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

### 1. Suġġett

Dawn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jikkjarifikaw ir-regoli proċedurali u l-kriterji ta' valutazzjoni li għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti għall-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fis-settur finanzjarju.

### 2. Kamp ta' applikazzjoni u livell ta' applikazzjoni

Dawn il-Linji Gwida japplikaw għal awtoritajiet kompetenti fil-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti jew żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti f'impriżi fil-mira.

### 3. Definizzjonijiet

3.1 Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (i) "awtorità kompetenti" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
  - (a) l-awtoritajiet kompetenti identifikati fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup> li jistabbilixxi l-Awtorità Bankarja Ewropea (l-"EBA");
  - (b) l-awtoritajiet kompetenti identifikati fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010<sup>2</sup> li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol ("EIOPA"), jiġifieri l-awtoritajiet superviżorji definiti fid-Direttiva 2009/138/KE<sup>3</sup> dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II);
  - (c) l-awtoritajiet kompetenti identifikati fil-punt (i) tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010<sup>4</sup> li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea ("ESMA"), kif definit fil-punt (22) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39/KE<sup>5</sup> dwar is-swieq fl-

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48)

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p.1)

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.84).

<sup>5</sup> Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p.1).

istrumenti finanzjarji u, mit-3 ta' Jannar 2017, fil-punt (26) tal-paragrafu (1) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/65/UE<sup>6</sup> dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012<sup>7</sup> dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet;

- (ii) “kontroll” tfisser ir-relazzjoni bejn impriża omm u impriża sussidjarja, kif definit, u determinat f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/34/UE<sup>8</sup> dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi – liema kriterji, għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, is-superviżuri fil-mira għandhom japplikaw lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2013/34/UE – jew relazzjoni simili bejn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika u impriża;
- (iii) “korp maniġerjali” għandu t-tifsira mogħtija lil dan it-terminu fil-punt (7) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE<sup>9</sup> dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment;
- (iv) “korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu” għandu t-tifsira mogħtija lil dan it-terminu fil-punt (8) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE;
- (v) “akkwired propost” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li, kemm jekk b'mod individwali jew b'aġir flimkien ma' persuna jew persuni oħra, għandha l-ħsieb li takkwista jew iżżid, b'mod dirett jew indirett, parteċipazzjoni kwalifikanti f'impriża fil-mira;
- (vi) “parteċipazzjoni kwalifikanti” għandha t-tifsira mogħtija lil dan it-terminu fil-punt (36) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<sup>10</sup> u fil-punt (21) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE, jiġifieri “parteċipazzjoni diretta jew indiretta f'impriża li tirrappreżenta 10 % jew aktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot jew li tagħmilha possibbli li tiġi eżerċitata influwenza sinifikanti fuq il-maniġment ta' dik l-impriża”;
- (vii) “Direttivi u Regolamenti settorjali” b'mod kollettiv tfisser:
  - (a) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE;

---

<sup>6</sup> Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p.349).

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (SSĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

<sup>8</sup> Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p.19).

<sup>9</sup> Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2012, p. 338).

<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

- (b) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibilità II);
- (c) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012, dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet;
- (d) Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE;
- (e) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012; u
- (f) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE;
- (viii) "azzjonist" jew "membru" jfissru persuna li tipposjedi ishma fl-impriża fil-mira jew, skont il-forma ġuridika ta' istituzzjoni, proprjetarji jew membri oħra tal-impriża fil-mira;
- (ix) "superviżur fil-mira" tfisser l-awtorità kompetenti, kif definit fil-punt (i) hawn fuq, li hija responsabbli għas-superviżjoni tal-impriża fil-mira;
- (x) "impriża fil-mira" jew "istituzzjoni finanzjarja" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin: istituzzjoni ta' kreditu (kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013), ditta tal-investment (kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE), impriża tal-assigurazzjoni (kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE), impriża tar-riassigurazzjoni (kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE) u kontroparti ċentrali (kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012); u
- (xi) "pajjiżi terzi meqjusa ekwivalenti" tfisser, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-kriterji ta' valutazzjoni prudenzjali stabbiliti fit-Taqsimiet 10, 11, 12 u 13 ta' dawn il-Linji Gwida, dawk il-pajjiżi mhux tal-UE li fihom istituzzjonijiet finanzjarji rregolati huma soġġetti għal reġim superviżorju li huwa ddeterminat bħala ekwivalenti skont il-kundizzjonijiet speċifikati mid-Direttivi u r-Regolamenti settorjali.

# Titolu II – Akkwist propost ta’ parteċipazzjoni kwalifikanti u kooperazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti

## Kapitolu 1 – Kunċetti ġenerali

### 4. Azzjoni lkoll flimkien

4.1 Għall-finijiet tad-Direttivi u r-Regolamenti settorjali, is-superviżuri fil-mira għandhom jikkunsidraw bħala li qed jaġixxu lkoll flimkien kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li tiddeċiedi li takkwista jew iżżid parteċipazzjoni kwalifikanti f’konformità ma’ ftehim espliċitu jew impliċitu bejniethom, filwaqt li jqisu d-dispożizzjonijiet l-oħra rilevanti ta’ dawn il-Linji Gwida u, b’mod partikolari, il-paragrafi 4.2 sa 4.12 tagħhom. Is-superviżuri fil-mira m’għandhomx ikunu preklużi milli jikkonkludu li ċertu persuni qed jaġixxu lkoll flimkien għas-sempliċi fatt li persuna waħda jew bosta ta’ dan it-tip huma passivi, għax in-nuqqas ta’ azzjoni jista’ jikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ kundizzjonijiet għal akkwist jew żieda ta’ parteċipazzjoni kwalifikanti jew sabiex tiġi eżerċitata influwenza fuq l-impriża fil-mira.

4.2 Is-superviżur fil-mira għandu jqis l-elementi rilevanti kollha sabiex jistabbilixxi, skont il-każ, jekk ċertu partijiet jaġixxux ilkoll flimkien jew le, li jwassal għall-kundizzjonijiet għan-notifika lis-superviżur fil-mira u l-valutazzjoni prudenzjali ta’ kwalunkwe akkwist maħsub.

4.3 Meta ċertu persuni jaġixxu lkoll flimkien, is-superviżuri fil-mira għandhom jaggregaw il-partiċipazzjonijiet tagħhom sabiex jiddeterminaw jekk dawn il-persuni jakkwistawx parteċipazzjoni kwalifikanti jew jaqbx kwalunkwe livell limitu kkontemplat fid-Direttivi u r-Regolamenti settorjali.

4.4 Kull waħda mill-persuni kkonċernati, jew persuna waħda f’isem il-bqija tal-grupp ta’ persuni li qed jaġixxu lkoll flimkien, għandha tinnotifika lis-superviżur fil-mira dwar l-akkwist jew iż-żieda rilevanti ta’ parteċipazzjoni kwalifikanti.

4.5 Meta ma tiġi sottomessa l-ebda notifika lis-superviżur fil-mira li tagħti xhieda li ċertu persuni qed jaġixxu lkoll flimkien, dan tal-aħħar m’għandux jiġi prekluż milli jeżamina jekk dawn il-persuni humiex verament jaġixxu lkoll flimkien. Għal dan il-għan, is-superviżur fil-mira għandu jqis bħala indikaturi l-fatt li persuni jistgħu jkunu qed jaġixxu lkoll flimkien fir-rigward tal-fatturi stabbiliti fil-paragrafu 4.6, li ma jikkostitwixxux lista eżawrjenti ta’ fatturi. Il-fatt li xi fattur partikolari huwa preżenti mhux neċessarjament iwassal għall-konklużjoni li l-persuni rilevanti qed jaġixxu lkoll flimkien.

4.6 Bil-għan li jiġi vvalutat jekk ċertu persuni humiex jaġixxu lkoll flimkien jew le, is-superviżur fil-mira għandu jikkunsidra b’mod partikolari kwalunkwe wieħed mill-fatturi li ġejjin:

- (a) ftehim tal-azzjonisti u ftehim dwar kwistjonijiet ta’ governanza korporattiva (eskluż madankollu, ftehimiet purament tax-xiri tal-ishma, ftehimiet “tag along” u “drag along” u drittijiet purament statutorji ta’ prelazzjoni); u
- (b) evidenza oħra ta’ kollaborazzjoni, pereżempju:
  - (1) l-eżistenza ta’ relazzjonijiet familjari;
  - (2) jekk l-akkwist propost għandux pożizzjoni manġerjali superjuri jew huwiex membru ta’ korp manġerjali jew ta’ korp manġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu tal-impriża fil-mira jew jistax jaħtar tali persuna;

- (3) ir-relazzjoni bejn l-impriżi fl-istess grupp (eskluż madankollu, dawk is-sitwazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ta' indipendenza stabbiliti fil-paragrafu 4 jew, skont il-każ, 5 tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, kif sussegwentement emendat);
- (4) l-użu minn persuni differenti tal-istess sors ta' finanzjament għall-akkwist jew iż-żieda ta' parteċipazzjonijiet fl-impriża fil-mira; u
- (5) tendenzi ta' votazzjoni konsistenti mill-azzjonisti rilevanti.

4.7 Is-superviżur fil-mira m'għandux japplika r-reġim li jirrigwarda n-notifika u l-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti ta', jew żidiet fi, parteċipazzjonijiet kwalifikanti b'tali mod li jxekkel il-kooperazzjoni bejn l-azzjonisti li għandha l-għan li teżerċita governanza korporattiva tajba.

4.8 Is-superviżur fil-mira, meta jiddetermina jekk l-azzjonisti kooperattivi humiex jaġixxu lkoll flimkien jew le, għandu jagħmel analiżi każ b'każ u għandu jivvaluta kull każ skont il-merti tiegħu. Jekk hemm fatti, apparti l-involvement tal-azzjonist fi kwalunkwe attività stabbilita fil-paragrafu 4.9 f'okkażjoni partikolari, li jindikaw li l-azzjonisti għandhom jitqiesu bħala persuni li qed jaġixxu lkoll flimkien, allura s-superviżur fil-mira għandu jqis dawk il-fatti meta jagħmel id-determinazzjoni tiegħu. Jista' jkun hemm, pereżempju, fatti dwar ir-relazzjoni bejn l-azzjonisti, l-oġettivi tagħhom, l-azzjonijiet tagħhom jew ir-riżultati tal-azzjonijiet tagħhom li jindikaw li l-kooperazzjoni tagħhom fir-rigward ta' attività kkontemplata fil-paragrafu 4.9 mhix sempliċi komunikazzjoni ta' approċċ komuni dwar kwistjoni speċifika, iżda element wieħed minn ftehim jew għarfien aktar wiesgħa bejn l-azzjonisti.

4.9 Meta azzjonisti, f'konformità mal-liġi nazzjonali u, fejn rilevanti, mal-liġi tal-UE, jikkooperaw jew jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe mill-attivitàjiet stabbiliti fil-lista mhux eżawrjenti t'hawn taħt, is-superviżur fil-mira m'għandux iqis din il-kooperazzjoni, fiha nnifisha, bħala li twassal għall-konklużjoni li qed jaġixxu lkoll flimkien:

- (a) li jiddiskutu flimkien dwar kwistjonijiet potenzjali li għandhom jitressqu lill-korp maniġerjali tal-kumpanija;
- (b) li jagħmlu rappreżentazzjonijiet lill-korp maniġerjali tal-kumpanija dwar politiki, prattiki jew azzjonijiet partikolari tal-kumpanija li l-kumpanija tista' tikkunsidra li tadotta;
- (c) li ma jikkonċernawx il-ħatra ta' membri tal-korp maniġerjali, l-eżerċitar tad-drittijiet statutorji tal-azzjonisti li:
  - (1) iżidu punti mal-aġenda ta' laqgħa ġenerali;
  - (2) iressqu abbozzi ta' riżoluzzjonijiet għal punti inklużi jew li għandhom jiġu inklużi fuq l-aġenda ta' laqgħa ġenerali; jew
  - (3) isejħu laqgħa ġenerali, apparti l-laqgħa ġenerali annwali;
- (d) li ma jikkonċernawx riżoluzzjoni għall-ħatra ta' membri tal-korp maniġerjali u, diment li tali riżoluzzjoni hi prevista fil-liġi nazzjonali tal-kumpaniji, jilħqu qbil li jivvutaw bl-istess mod dwar riżoluzzjoni partikolari mressqa fuq l-aġenda ta' laqgħa ġenerali, sabiex, pereżempju:
  - (1) tapprova jew tiċħad:
    - i. proposta dwar ir-remunerazzjoni tad-diretturi;
    - ii. akkwist jew disponiment ta' assi;
    - iii. tnaqqis tal-kapital u/jew riakkwist ta' ishma;

- iv.żieda kapitali;
- v.distribuzzjoni tad-dividend;
- vi.il-ħatra, tneħħija jew remunerazzjoni ta' awdituri;
- vii.il-ħatra ta' investigatur speċjali;
- viii.ir-rapporti finanzjarji tal-kumpanija; jew
- ix.il-politika tal-kumpanija fir-rigward tal-ambjent jew kwalunkwe kwistjoni oħra relatata mar-responsabbiltà soċjali jew il-konformità ma' standards jew kodiċi ta' kondotta rikonoxxuti; jew

(2) li tiċħad tranżazzjoni ma' parti relatata.

4.10 Jekk l-azzjonisti jikkooperaw billi jinvolvu ruħhom f'attività li mhix inkluża fil-paragrafu 4.9, is-superviżur fil-mira m'għandux jikkunsidra dak il-fatt, fih innifsu, bħala li jfisser li dawk il-persuni għandhom jitqiesu bħala persuni li qed jaġixxu lkoll flimkien.

4.11 Meta jikkunsidraw każijiet ta' kooperazzjoni bejn l-azzjonisti fir-rigward tal-ħatra ta' membri tal-korp maniġerjali, is-superviżuri fil-mira għandhom, minbarra li jeżaminaw il-fatti deskritti fil-paragrafu 4.8 (inkluż ir-relazzjoni bejn l-azzjonisti rilevanti u l-azzjonijiet tagħhom), jikkunsidraw ukoll fatti oħra bħal:

- (a) in-natura tar-relazzjoni bejn l-azzjonisti u l-membri/i proposti tal-korp maniġerjali;
- (b) in-numru ta' membri proposti tal-korp maniġerjali li qed jiġu vvutati skont ftehim ta' votazzjoni;
- (c) jekk l-azzjonisti kkooperawx fir-rigward tal-ħatra ta' membri tal-korp maniġerjali f'aktar minn okkażjoni waħda;
- (d) jekk l-azzjonisti mhumiex sempliċiment qegħdin jivvutaw flimkien iżda qegħdin ukoll jipproponu b'mod konġunt risoluzzjoni għall-ħatra ta' ċertu membri tal-korp maniġerjali; u
- (e) jekk il-ħatra tal-membri/membri propost/i tal-korp maniġerjali hux ser twassal għal bidla fil-bilanċ tal-poter f'tali korp maniġerjali.

4.12 Sabiex jiġi evitat kull dubju, l-interpretazzjoni tan-nozzjoni ta' azzjoni lkoll flimkien stabbilita f'dawn il-Linji Gwida għandha tapplika esklussivament għall-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet f'parteċipazzjonijiet kwalifikanti fis-settur finanzjarju li għandhom jitwettqu f'konformità mad-Direttivi u r-Regolamenti settorjali u m'għandhiex taffettwa l-interpretazzjoni ta' kwalunkwe nozzjoni simili kkontemplata f'atti leġiżlattivi oħra tal-UE, bħad-Direttiva 2004/25/UE fuq offerti ta' xiri.

## 5. Influenza sinifikanti

5.1 Skont id-Direttivi u r-Regolamenti settorjali, akkwist propost jew żieda f'parteċipazzjoni li ma jammontawx għal 10 % tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot tal-impriża fil-mira għandhom ikunu soġġetti għal notifika minn qabel u valutazzjoni prudenzjali jekk din il-parteċipazzjoni tippermettix lill-akkwiredent propost jeżerċita influenza sinifikanti fuq il-maniġment tal-impriża fil-mira, jekk din l-influenza hijiex fil-fatt eżerċitata jew le. Sabiex jivvaluta jekk tistax tiġi eżerċitata influenza sinifikanti, is-superviżur fil-mira għandu jqis bosta fatturi, inkluż l-istruttura ta' proprjetà tal-impriża fil-mira u l-livell reali ta' involviment tal-akkwiredent propost fil-ġestjoni tal-impriża fil-mira.

5.2 Is-superviżur fil-mira għandu jqis il-lista mhux eżawrjenti li ġejja ta' fatturi sabiex jiġi vvalutat jekk akkwist propost ta' parteċipazzjoni jagħmilhiex possibbli għall-akkwiredent propost li jeżerċita influenza sinifikanti fuq il-ġestjoni tal-impriża fil-mira:

- (a) l-eżistenza ta' tranżazzjonijiet materjali u regolari bejn l-akkwiredent propost u l-impriża fil-mira;
- (b) ir-relazzjoni ta' kull membru jew azzjonist mal-impriża fil-mira;
- (c) jekk l-akkwiredent propost igawdix drittijiet addizzjonali fl-impriża fil-mira, bis-saħħa ta' kuntratt li daħal fih jew ta' dispożizzjoni li tinsab fl-artikoli ta' assoċjazzjoni jew dokumenti kostituzzjonali oħra tal-impriża fil-mira;
- (d) jekk l-akkwiredent propost huwiex membru ta', għandux rappreżentant fi jew jistax jaħtar rappreżentant fil-korp maniġerjali, il-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu jew kwalunkwe korp simili tal-impriża fil-mira;
- (e) l-istruttura ta' proprjetà globali tal-impriża fil-mira jew ta' impriża omm tal-impriża fil-mira, b'kunsiderazzjoni, b'mod partikolari, ta' jekk l-ishma jew l-interessi parteċipanti u d-drittijiet tal-vot humiex iddistribwiti fuq firxa wiesgħa ta' azzjonisti jew membri;
- (f) l-eżistenza ta' relazzjonijiet bejn l-akkwiredent propost u l-azzjonisti eżistenti u kwalunkwe ftehim tal-azzjonisti li jippermetti lill-akkwiredent propost jeżerċita influenza sinifikanti;
- (g) il-pożizzjoni tal-akkwiredent propost fi ħdan l-istruttura tal-grupp tal-impriża fil-mira; u
- (h) il-kapaċità tal-akkwiredent propost li jipparteċipa fid-deċiżjonijiet tal-istrateġija operatorja u finanzjarja tal-impriża fil-mira.

5.3 Bil-għan li jiġi ddeterminat jekk tistax tiġi eżerċitata influenza sinifikanti, is-superviżur fil-mira għandu jqis il-fatti u ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha.

## 6. Akkwisti indiretti ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti



6.1 F'konformità mad-Direttivi u r-Regolamenti settorjali, parteċipazzjoni kwalifikanti hija parteċipazzjoni diretta jew indiretta f'impriża li (i) tirrappreżenta 10 % jew aktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot jew (ii) li tagħmilha possibbli li tiġi eżerċitata influwenza sinifikanti fuq il-ġestjoni ta' dik l-impriża. Il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk parteċipazzjoni tkunx tippermetti lil akkwirent propost jeżerċita influwenza sinifikanti huma stabbiliti fit-Taqsima 5 hawn fuq.

6.2 Din it-Taqsima tistabbilixxi t-testijiet rilevanti sabiex jiġi vvalutat jekk parteċipazzjoni kwalifikanti hijiex akkwistata indirettament u d-daqs ta' din il-parteċipazzjoni meta:

- (a) persuna fiżika jew ġuridika takkwista jew iżżid parteċipazzjoni diretta jew indiretta f'detentur eżistenti ta' parteċipazzjoni kwalifikanti; jew
- (b) persuna fiżika jew ġuridika għandha parteċipazzjoni diretta jew indiretta f'persuna li takkwista jew iżżid parteċipazzjoni diretta f'impriża fil-mira.

Għal kull persuna taħt (a) jew (b) hawn fuq, il-kriterju ta' kontroll kif deskritt fil-paragrafu 6.3 għandu jiġi applikat l-ewwel. Jekk, mill-applikazzjoni ta' dan il-kriterju, jiġi aċċertat li l-persuna rilevanti ma teżerċita jew takkwista, direttament jew indirettament, kontroll fuq detentur eżistenti jew akkwirent ta' parteċipazzjoni kwalifikanti f'impriża fil-mira, il-kriterju ta' multiplikazzjoni, kif muri fil-paragrafu 6.6, għandu jiġi sussegwentement applikat fir-rigward ta' dik il-persuna. Il-kriterji ta' kontroll u multiplikazzjoni għandhom jiġu applikati, kif deskritt f'din it-Taqsima, f'kull fergħa tal-katina korporattiva.

6.3 L-ewwel pass jipprevedi l-applikazzjoni tan-nozzjoni ta' kontroll u, għaldaqstant, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha

- (a) li jakkwistaw, direttament jew indirettament, kontroll fuq detentur eżistenti ta' parteċipazzjoni kwalifikanti f'impriża fil-mira, irrispettivament din il-parteċipazzjoni hijiex diretta jew indiretta; jew
- (b) li, direttament jew indirettament, jikkontrollaw l-akkwirent dirett propost ta' parteċipazzjoni kwalifikanti f'impriża fil-mira

għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu akkwirenti indiretti ta' parteċipazzjoni kwalifikanti.

Kemm fil-każ (a) kif ukoll fil-każ (b) l-akkwirenti indiretti jinkludu l-persuna jew persuni fiżiċi finali li qegħdin fuqnett tal-katina tal-kontroll korporattiv.

6.4 Fil-każ stabbilit fil-paragrafu 6.3, punt (a) hawn fuq, li jirrigwarda l-akkwist dirett jew indirett ta' kontroll fuq detentur eżistenti ta' parteċipazzjoni kwalifikanti, kull wiehied u waħda mill-persuni li jakkwistaw, direttament jew indirettament, kontroll fuq detentur eżistenti ta' parteċipazzjoni kwalifikanti għandhom ikunu akkwirent indirett ta' parteċipazzjoni kwalifikanti u għandhom jissottomettu n-notifika minn qabel lis-superviżur fil-mira. Id-detentur eżistenti tal-parteċipazzjoni kwalifikanti m'għandux ikun meħtieġ jissottometti n-notifika minn qabel. Is-superviżur fil-mira jista' jħalli l-persuna jew persuni li qegħdin fuq nett tal-katina ta' kontroll korporattiv jissottomettu n-notifika minn qabel f'isem id-detenturi intermedji wkoll. Id-daqs tal-parteċipazzjoni ta' kull akkwirent indirett identifikat b'dan il-mod għandu jitqies bħala ugwali għall-parteċipazzjoni kwalifikanti tad-detentur eżistenti li fuqu jiġi akkwistat il-kontroll.

6.5 Fil-każ stabbilit fil-paragrafu 6.3, punt (b) hawn fuq li jirrigwarda l-akkwist indirett ta', jew iż-żieda f'parteċipazzjoni kwalifikanti minn persuna bħala konsegwenza tal-fatt li din il-persuna għandha, direttament jew indirettament, kontroll fuq l-akkwirent dirett propost ta' parteċipazzjoni kwalifikanti fl-impriża fil-mira, l-akkwirent dirett u l-akkwirenti indiretti identifikati b'dan il-mod għandhom jissottomettu notifika minn qabel lis-superviżur fil-mira dwar l-intenzjoni tagħhom li jakkwistaw jew

iżidu parteċipazzjoni kwalifikanti. Is-superviżur fil-mira jista' jħalli l-persuna jew persuni li qegħdin fuq nett tal-katina ta' kontroll korporattiv jissottomettu n-notifika minn qabel f'isem id-detenturi intermedji wkoll; madankollu, dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-akkwiredent dirett propost li jissottometti n-notifika minn qabel lis-superviżur fil-mira fir-rigward tal-akkwiredent tiegħu stess ta' parteċipazzjoni kwalifikanti. Id-daqs tal-parteeipazzjoni ta' kull akkwiredent indirett għandu jittqies bħala ugwali għall-parteeipazzjoni kwalifikanti akkwiredent direttament.

6.6 It-tieni pass japplika meta l-applikazzjoni tal-kriterju ta' kontroll, kif muri fil-paragrafu 6.3, ma tiddeterminax li parteċipazzjoni kwalifikanti tkun għet akkwiredent indirettament mill-persuna li għaliha l-kriterju ta' kontroll huwa applikat. F'każ bħal dan, sabiex jiġi vvalutat jekk parteċipazzjoni kwalifikanti hijiex akkwiredent indirettament, japplika l-kriterju ta' multiplikazzjoni muri hawn taħt. Dan il-kriterju jinvolvi l-multiplikazzjoni tal-perċentwali tal-parteeipazzjonijiet fil-katina korporattiva, mill-parteeipazzjoni li ssir direttament fl-imprezza fil-mira, li trid tiġi mmultiplikata mill-parteeipazzjoni li ssir fil-livell eżattament fuqha (bir-riżultat ta' din il-multiplikazzjoni ikun id-daqs tal-parteeipazzjoni indiretta tal-aħħar persuna) u bi tkompliġa 'l fuq tal-katina korporattiva sakemm ir-riżultat tal-multiplikazzjoni jibqa' 10 % jew aktar. Parteċipazzjoni kwalifikanti ser tiġi meqjusa bħala akkwiredent indirettament:

- (a) minn kull wieħed u waħda mill-persuni li fir-rigward tagħhom ir-riżultat tal-multiplikazzjoni huwa 10 % jew aktar; u
- (b) mill-persuni kollha li għandhom, direttament jew indirettament, kontroll fuq il-persuna jew persuni identifikati skont l-applikazzjoni tal-kriterju ta' multiplikazzjoni f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 6.6.

6.7 Irrispettivament mill-applikazzjoni tal-kriterju ta' kontroll jew ta' multiplikazzjoni, meta akkwiredenti indiretti huma entitajiet sorveljati u s-superviżur fil-mira diġà għandu fil-pussess tiegħu informazzjoni aġġornata, is-superviżur fil-mira jista' jqijs bħala suffiċjenti, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, li jivvaluta bis-siġħ biss il-persuna jew persuni li qegħdin fuq nett tal-katina tal-kontroll korporattiv, flimkien mal-akkwiredent dirett propost. Dan ma jaffettwax l-obbligu ta' kwalunkwe mill-entitajiet ikkonċernati li jissottomettu notifika lis-superviżur fil-mira dwar l-intenzjoni li direttament jew indirettament jakkwiredent jew iżidu parteċipazzjoni kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu, ħlief għall-possibbiltà tas-superviżur fil-mira li jippermetti lill-persuna jew persuni li qegħdin fuq nett tal-katina ta' kontroll korporattiv jissottomettu n-notifika minn qabel f'isem id-detenturi intermedji wkoll.

6.8 L-Anness II jistabbilixxi, għall-finijiet ta' ċarezza, numru ta' eżempji ta' kif il-kriterji deskritti hawn fuq japplikaw fil-prattika.

## **7. Deċiżjoni li jakkwiredent**

7.1 Is-superviżuri fil-mira għandhom iqisu l-lista li ġejja mhux eżawrjenti ta' elementi sabiex jivvalutaw jekk saritx deċiżjoni li jakkwiredent:

- (a) jekk l-akkwiredent propost kienx konxju jew, kienx qed jikkunsidra informazzjoni li seta' kellu aċċess għaliha, kellux ikun konxju tal-akkwiredent/żieda ta' parteċipazzjoni kwalifikanti u t-tranżazzjoni li wasslet għaliha; u
- (b) jekk l-akkwiredent propost kellux il-kapaċità li jinfluwenza, joġġezzjona għal jew jipprevjeni l-akkwiredent propost jew iż-żieda ta' parteċipazzjoni kwalifikanti.

7.2 Is-superviżuri fil-mira għandhom jadottaw interpretazzjoni ristretta taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali meta jkun meqjus li m'hemm l-ebda deċiżjoni li jakkwistaw, għax kważi dejjem, l-akkwiredent ikun ħa jew naqas milli jieħu xi azzjoni li tikkontribwixxi għaċ-ċirkostanzi li jwasslu biex jinqabeż livell limitu jew biex parteċipazzjoni tiġi akkwistata.

7.3 Jekk azzjonisti jaqbżu livell limitu b'mod involontarju fis-sens tal-paragrafu 7.2, għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti immedjatament malli jsiru konxji ta' din l-affari, anke jekk għandhom il-ħsieb li jnaqqsu l-livell ta' parteċipazzjoni azzjonarja tagħhom ħalli jerġa jinżel taħt il-livell limitu. Eżempji ta' xenarji li fihom azzjonisti jistgħu jaqbżu livell limitu b'mod volontarju jinkludu riakkwiredent mill-istituzzjoni finanzjarja ta' ishma minn azzjonisti oħra, li b'mod dirett iwassal sabiex jinqabeż dan il-livell limitu.

## 8. Prinċipju ta' proporzjonalità

8.1 Skont id-Direttivi u r-Regolamenti settorjali, is-superviżur fil-mira għandu jwettaq il-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwiredenti proposti f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Dan huwa previst fir-rigward ta' (i) l-intensità tal-valutazzjoni, li għandha tqis l-influwenza li l-akkwiredent propost x'aktarx jista' jeżerċita fuq l-imprezza fil-mira u (ii) il-kompożizzjoni tal-informazzjoni rekwiżita, li għandha tkun proporzjonali man-natura tal-akkwiredent propost u tal-akkwiredent propost. Mingħajr preġudizzju għall-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-punti (i) u (ii), il-prinċipju ta' proporzjonalità jista' jkollu impatt ukoll fuq il-proċeduri ta' valutazzjoni li s-superviżuri fil-mira jwettqu wara n-notifika ta' akkwiredent propost u jwassal għal xi simplifikazzjonijiet proċedurali, speċjalment f'każijiet ta' żewġ akkwiredenti proposti jew aktar jaġixxu flimkien jew akkwiredenti indiretti proposti. Il-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità jinkludu n-natura tal-akkwiredenti proposti, l-għan tal-akkwiredent jew iż-żieda ta' parteċipazzjoni kwalifikanti u sa fejn l-akkwiredent propost jista' jeżerċita influwenza fuq l-imprezza fil-mira.

8.2 Is-superviżur fil-mira għandu jikkalibra t-tip u l-firxa ta' informazzjoni meħtieġa mill-akkwiredent propost, b'kunsiderazzjoni, fost affarijiet oħra, tan-natura tal-akkwiredent propost (persuna ġuridika jew fiżika, istituzzjoni finanzjarja sorveljata jew entità oħra, jekk l-istituzzjoni finanzjarja hijiex sorveljata fl-UE jew f'pajjiż terz ikkunsidrat bħala ekwivalenti jew le, eċċ.), l-ispeċifitajiet tat-tranżazzjoni proposta (tranżazzjoni intragrupp jew tranżazzjoni bejn persuni li mhumiex parti mill-istess grupp, eċċ.) il-livell ta' involviment tal-akkwiredent propost fil-maniġment tal-imprezza fil-mira u d-daqs tal-partiċipazzjoni li għandha tiġi akkwistata.

8.3 Fir-rigward tar-reputazzjoni tal-akkwiredent propost (kif ikkontemplat fit-Titolu II, Kapitolu 3, Taqsima 10), filwaqt li s-superviżur fil-mira għandu dejjem jivvaluta l-integrità tal-akkwiredenti proposti mal-istess rekwiżiti indipendentement mill-influwenza fuq l-imprezza fil-mira, il-valutazzjoni tal-kompetenza professjonali għandha titnaqqas għal akkwiredenti proposti li mhumiex f'pożizzjoni biex jeżerċitaw kwalunkwe influwenza fuq l-imprezza fil-mira jew li għandhom il-ħsieb li jakkwistaw parteċipazzjonijiet għal skopijiet ta' investiment passiv biss.

8.4 Meta jikkalibra l-valutazzjoni tas-solidità finanzjarja ta' akkwiredent propost (kif ikkontemplat fit-Titolu II, Kapitolu 3, Taqsima 12) is-superviżur fil-mira għandu jqis in-natura tal-akkwiredent propost, kif ukoll il-livell ta' influwenza li l-akkwiredent propost ikollu fuq l-imprezza fil-mira wara l-akkwiredent propost. F'dan ir-rigward, f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, is-superviżur fil-mira għandu jiddistingwi bejn każijiet fejn il-kontroll fuq l-imprezza fil-mira huwa akkwiredent u każijiet fejn l-akkwiredent propost probabbilment jeżerċita ftit jew l-ebda influwenza. Jekk akkwiredent propost jikseb kontroll fuq l-imprezza fil-mira, il-valutazzjoni tas-solidità finanzjarja tal-akkwiredent propost għandha tkopri wkoll il-kapaċità tal-akkwiredent propost li jipprova aktar kapital lill-imprezza fil-mira f'nofs it-

terminu, jekk neċessarju, u l-intenzjonijiet iddikjarati tiegħu fir-rigward ta' jekk jipprovdix dan il-kapital.

8.5 Għal tranżazzjonijiet intragrupp, is-superviżur fil-mira għandu japplika l-prinċipju ta' proporzjonalità kif ġej:

- għandha tiġi sottomessa notifika mill-akkwiredent propost, li tidentifika l-bidliet li ser isiru fil-grupp (pereżempju, iċ-ċart tal-istruttura tal-grupp riveduta) u li tipprovdix l-informazzjoni meħtieġa, kif stabbilit fid-Direttivi u r-Regolamenti settorjali dwar il-persuni u/jew entitajiet ġodda fil-grupp. Dan jirreferi għall-proprjetarji diretti jew indiretti tal-parteċipazzjoni kwalifikanti, kif ukoll għall-persuni li b'mod effettiv imexxu n-negozju tal-akkwiredent propost;
- il-proċedura ta' valutazzjoni sħiħa hija meħtieġa biss għall-persuni ġodda u/jew entitajiet fil-grupp u l-istruttura għda tal-grupp; u
- jekk hemm bidla fin-natura ta' parteċipazzjoni kwalifikanti sabiex parteċipazzjoni kwalifikanti indiretta ssir parteċipazzjoni kwalifikanti miżmuma b'mod dirett u d-detentur rilevanti diġà ġie vvalutat, is-superviżur fil-mira għandu jikkunsidra li jillimita l-valutazzjoni tagħha għall-bidliet li seħnew sa mid-data tal-aħħar valutazzjoni.

8.6 F'ċertu ċirkostanzi, bħal fil-każ ta' akkwisti permezz ta' offerta pubblika, l-akkwiredent propost jista' jiltaqa' ma' diffikultajiet biex jikseb informazzjoni li meħtieġa sabiex jiġi stabbilit pjan ta' negozju sħiħ. F'dawn il-każijiet, l-akkwiredent propost għandu jgħarraf lis-superviżur fil-mira b'dawn id-diffikultajiet u jindika l-aspetti tal-pjan ta' negozju tiegħu li jistgħu jiġu modifikati fil-futur qarib. F'ċirkostanzi ġġustifikati b'mod tajjeb, is-superviżur fil-mira m'għandux jopponi l-akkwiredent propost abbażi biss tan-nuqqas ta' xi informazzjoni meħtieġa, li n-nuqqas tagħha jista' jiġi ġġustifikat min-natura tat-tranżazzjoni, jekk l-informazzjoni pprovduta tidher suffiċjenti sabiex jiġi mifhum l-eżitu probabbli tal-akkwiredent għall-impriża fil-mira u sabiex issir il-valutazzjoni prudenzjali u diment li l-akkwiredent propost jimpenja ruħu sabiex jipprovdix l-informazzjoni nieqsa malajr kemm jista' jkun wara l-għeluq tal-akkwiredent.

## Kapitolu 2 – Notifika u valutazzjoni ta' akkwiredent propost

### 9. Perjodu ta' valutazzjoni u informazzjoni li għandha tkun ipprovduta

9.1 Skont id-Direttivi u r-Regolamenti settorjali, in-notifika trid tkun rikonoxxuta bil-miktub mis-superviżur fil-mira lill-akkwiredent propost fil-pront u fi kwalunkwe każ fi żmien jumejn ta' xogħol mill-wasla tan-notifika. In-notifika għandha tiġi kkunsidrata bħala kompleta meta tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa stabbilita fil-lista li għandha tiġi ppubblikata f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti għall-finijiet tal-valutazzjoni prudenzjali mis-superviżur fil-mira. Tali rikonoxximent għandu jikkostitwixxi esklussivament pass proċedurali li jirrigwarda l-kompletezza formali tan-notifika, bl-effett li jagħti bidu għall-perjodu ta' 60 jum ta' xogħol għall-valutazzjoni prudenzjali, u ma jinvolvix revizzjoni sostantiva mis-superviżur fil-mira tad-dokumentazzjoni pprovduta. Ir-rikonoxximent ma jippreġudikax l-intitolament tas-superviżur fil-mira, b'mod konsistenti mad-Direttivi u r-Regolamenti settorjali, li jitlob informazzjoni ulterjuri u li jopponi l-akkwiredent propost għal raġunijiet li jirriżultaw mill-valutazzjoni prudenzjali jew jekk l-informazzjoni pprovduta mill-akkwiredent propost tiġi sussegwentement ievalutata bħala mhux kompleta. F'tali rikonoxximent tal-wasla, is-superviżur fil-mira jinforma lill-akkwiredent propost bid-data ta' skadenza tal-perjodu ta' valutazzjoni.

9.2 Meta n-notifika ma tkunx kompleta, is-superviżur fil-mira għandu jirrikonoxxi l-wasla tan-notifika fi żmien jumejn ta' xogħol. Madankollu, tali notifika ma jkollhiex il-kontenut u l-effetti speċifikati fil-paragrafu 9.1 u s-superviżur fil-mira mhux obligat jispeċifika l-informazzjoni nieqsa firrikonoxximent tal-wasla, iżda jista' jagħti tali informazzjoni f'ittra separata li għandha tinħareġ f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Mal-wasla tad-dokumenti kollha meħtieġa, is-superviżur fil-mira għandu jirrikonoxxi l-wasla tan-notifika bil-miktub skont u bl-effetti u l-kontenut speċifikati fil-paragrafu 9.1.

9.3 Sabiex jevitaw dewmien żejjed fil-proċess ta' notifika u valutazzjoni ta' tranżazzjonijiet sinifikanti jew kumplessi, l-akkwirenti huma mħeġġa jidħlu f'kuntatti ta' qabel in-notifika mas-superviżur fil-mira.

Tranżazzjonijiet sinifikanti jew kumplessi jistgħu jinkludu:

- (a) tranżazzjonijiet li fihom l-akkwirent propost jew l-impriża fil-mira għandhom struttura tal-grupp kumplessa;
- (b) tranżazzjonijiet transkonfinali;
- (c) tranżazzjonijiet li jinvolvu bidliet proposti sinifikanti lill-pjan jew l-istrateġija tan-negozju tal-impriża fil-mira; u
- (d) tranżazzjonijiet li jinvolvu l-użu ta' finanzjament b'dejn sostanzjali.

Kuntatti ta' qabel in-notifika għandhom jiffukaw fuq l-informazzjoni rekwiżita mis-superviżur fil-mira sabiex jagħtu bidu għall-valutazzjoni tiegħu ta' akkwist jew żieda ta' parteċipazzjoni kwalifikanti. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet transkonfinali li jwasslu għal bosta notifiċi ta' akkwisti ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fi ħdan l-Unjoni Ewropea, is-superviżur fil-mira tal-impriża fil-mira omm tal-UE huwa mħeġġeġ ġikkoopera u jikkoordina mas-superviżuri fil-mira l-oħra bil-għan, fejn possibbli, li jallinja l-proċessi ta' notifika u valutazzjoni.

9.4 Skont id-Direttivi u r-Regolamenti settorjali, l-Istati Membri huma meħtieġa jippubblikaw lista li tispeċifika l-informazzjoni neċessarja sabiex issir il-valutazzjoni ta' akkwisti u żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti. Soġġett għall-paragrafu 9.5, l-Anness I jistabbilixxi l-lista ta' informazzjoni rakkomandata li għandha tkun meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti sabiex issir il-valutazzjoni.

9.5 L-arranġamenti li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward tal-Anness I:

- (a) mid-data tal-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji żviluppati mill-ESMA skont l-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u l-Artikolu 12(8) tad-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u fir-rigward ta' lista eżawrjenti ta' informazzjoni li għandha tkun ipprovduta mill-akkwirenti proposti, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I mhux ser jibqgħu japplikaw għal akkwisti u żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti f'impriżi ta' investment;
- (b) mid-data tal-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji żviluppati mill-EBA skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2013/36/UE dwar l-informazzjoni li għandha tingħata għall-awtorizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, huwa rakkomandat li l-lista ta'

- informazzjoni li għandha tingħata fir-rigward ta' akkwisti u żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti f'istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollha dan li ġej:
- i. l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsimiet 7-12 tal-Anness I;
  - ii. l-informazzjoni rekwiżita f'konformità ma' dawk l-istandards tekniċi regolatorji għal azzjonisti proposti jew membri li għandhom parteċipazzjonijiet kwalifikanti;
  - iii. l-informazzjoni rekwiżita f'konformità ma' dawk l-istandards tekniċi regolatorji fir-rigward ta' membri tal-korp maniġerjali u membri tal-maniġment superjuri li ser imexxu n-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu;
- (c) sad-data tal-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-punt (b), huwa rakkomandat li l-lista ta' informazzjoni li għandha tingħata fir-rigward ta' akkwisti u żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti f'istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollha dan li ġej:
- i. l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsimiet 7-12 tal-Anness I; u
  - ii. l-informazzjoni stabbilita fl-anness tal-Linji Gwida CEBS, KRET u CEIOPS konġunti għall-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet f'parteċipazzjonijiet fis-settur finanzjarju rekwiżiti mid-Direttiva 2007/44/KE (CEBS/2008/14; CEIOPS-3L3-19/08; CESR/08-543b), diment li l-anness tal-Linji Gwida CEBS, KRET u CEIOPS konġunti jibqa' applikabbli biss għal dik l-informazzjoni li mhijiex koperta bl-Anness I u fi kwalunkwe każ sal-applikazzjoni tal-istandards tekniċi msemmija fil-punt (b) biss;
- (d) mid-data tal-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji li għandhom jiġu żviluppati mill-EIOPA skont l-Artikolu 58(8) tad-Direttiva 2009/138/KE dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) li jirrigwarda lista ta' informazzjoni eżawrjenti li għandha tingħata mill-akkwirenti proposti, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I mhux ser jibqgħu japplikaw għal akkwisti u żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti f'impriżi tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni.

## Kapitolu 3 – Kriterji ta' valutazzjoni għal akkwist propost

### 10. Reputazzjoni tal-akkwirent propost – l-ewwel kriterju ta' valutazzjoni

10.1 Il-valutazzjoni tar-reputazzjoni tal-akkwirent propost għandha tkopri żewġ elementi:

- (a) l-integrità tiegħu; u
- (b) l-kompetenza professjonali tiegħu.

10.2 Ir-rekwiżiti ta' integrità għandhom jiġu applikati rrispettivament mid-daqs tal-partiċipazzjoni kwalifikanti li l-akkwirent propost għandu l-ħsieb li jakkwista u mill-involvement tagħha fil-ġestjoni jew l-influenza li qed tippjana li teżerċita fuq l-impriża fil-mira. Il-valutazzjoni għandha tkopri wkoll il-proprjetarji legali u benefiċjarji tal-akkwirent propost.

10.3 Min-naħa l-oħra, il-valutazzjoni tal-kompetenza professjonali għandha tqis l-influenza li l-akkwirent propost ser jeżerċita fuq l-impriża fil-mira. Dan ifisser li, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-rekwiżiti ta' kompetenza jitnaqqsu għal akkwirenti proposti li mhumiex f'pożizzjoni li jeżerċitaw jew li jimpenjaw ruħhom sabiex ma jeżerċitawx, influwenza sinifikanti fuq l-impriża fil-mira. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-prova ta' kompetenza maniġerjali adegwata għandha tkun biżżejjed.

10.4 Jekk l-akkwiredent propost huwa persuna ġuridika, ir-rekwiżiti jridu jiġu ssodisfati mill-persuna ġuridika kif ukoll mill-persuni kollha li b'mod effettiv imexxu n-negozju tiegħu, u fi kwalunkwe każ minn dawk il-persuni li jilħqu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(6)(a)(i) jew 3(6)(c) tad-Direttiva (UE) 2015/849.

10.5 Soġġetti għall-paragrafu 10.8, ir-rekwiżit ta' kompetenza professjonali għandu ġeneralment jiġi kkunsidrat bħala li ntlaħaq jekk:

- (a) L-akkwiredent propost huwa persuna li diġà hi meqjusa bħala kompetenti biżżejjed fil-kapaċità tagħha bħala detentur ta' parteċipazzjoni kwalifikanti f'istituzzjoni finanzjarja oħra li hi sorveljata mill-istess superviżur kompetenti jew minn superviżur kompetenti ieħor fl-istess pajjiż jew fi Stat Membru ieħor;
- (b) L-akkwiredent propost huwa persuna fiżika li diġà tmexxi n-negozju tal-istess istituzzjoni finanzjarja jew oħra li hi sorveljata mill-istess superviżur kompetenti jew minn superviżur kompetenti ieħor fl-istess pajjiż jew fi Stat Membru ieħor; jew
- (c) L-akkwiredent propost huwa persuna ġuridika regolata u sorveljata bħala istituzzjoni finanzjarja mill-istess superviżur kompetenti jew minn superviżur kompetenti ieħor fl-istess pajjiż jew fi Stat Membru ieħor;

u m'hemm l-ebda prova ġdida jew riveduta li tista' tixħet tħassib raġonevoli dwar il-kompetenza professjonali tal-akkwiredent propost. Pereżempju, is-sempliċi fatt li akkwiredent propost ġie ġġudikat bħala kompetenti sabiex jikkontrolla (pereżempju) ditta żgħira li tagħti pariri finanzjarji, mhux neċessarjament ifisser li huwa kompetenti sabiex jikkontrolla ditta aktar sinifikanti, bħal istituzzjoni ta' kreditu kbira.

10.6 Iċ-ċirkustanzi stabbiliti fil-paragrafu 10.5 huma rilevanti wkoll għall-valutazzjoni tal-integrità tal-akkwiredent propost iżda ma jikkostitwixxux, waħedhom, raġuni biżżejjed biex is-superviżur fil-mira jassumi l-integrità tal-akkwiredent propost. Is-superviżur fil-mira għandu dejjem jagħmel verifika tal-integrità fir-rigward tal-akkwiredent propost, għax jista' jkun il-każ li kien hemm żviluppi ulterjuri mid-data tal-valutazzjoni preċedenti jew jista' jkun il-każ li l-awtorità li għamlet din il-valutazzjoni ma kinitx konxja ta' ċertu informazzjoni. Madankollu, is-superviżur fil-mira jista' jibbaża fuq l-eżitu ta' valutazzjonijiet tal-integrità preċedenti meta jiddeċiedi fuq il-livell u l-firxa tal-informazzjoni mitluba. Jekk is-superviżur fil-mira għandu raġunijiet raġonevoli biex jassumi li l-eżitu ta' valutazzjoni ġdida tal-integrità jista' jkun differenti minn valutazzjoni eżistenti, pereżempju għax huwa konxju ta' informazzjoni negattiva li tikkonċerna lill-akkwiredent propost, għandha ssir verifika sħiħa tal-integrità. Jekk ir-riżultat tal-verifika tal-integrità jkun differenti mill-valutazzjoni eżistenti, is-superviżur fil-mira għandu jinforma lill-awtorità li tkun għamlet il-valutazzjoni eżistenti.

10.7 Jekk kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet ikkontemplati fil-paragrafu 10.5 tapplika fir-rigward ta' akkwiredent propost sorveljat minn superviżur kompetenti f'pajjiż terz ikkunsidrat ekwivalenti, il-valutazzjoni tal-integrità u l-kompetenza professjonali tista' tiġi ffaċilitata permezz ta' kooperazzjoni mal-awtorità superviżorja kompetenti f'dan il-pajjiż terz.

10.8 Meta l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2013/36/UE ma japplikax, meta jiġi kkunsidrat jekk il-valutazzjoni li tkun saret minn awtorità oħra hijiex affidabbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu sa liema punt tali awtoritajiet kompetenti oħra ser ikunu jistgħu jaqsmu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-akkwiredent propost, inkluż informazzjoni dwar kwalunkwe miżuri jew tħassib li jista' jkun li ma sarux pubbliċi.

## A) INTEGRITÀ

10.9 Akkwirent propost għandu jitqies ta' reputazzjoni tajba jekk ma jkun hemm l-ebda prova affidabbli li tissuġġerixxi mod ieħor u s-superviżur fil-mira m'għandu l-ebda raġuni raġonevoli biex jiddubita r-reputazzjoni tajba tiegħu jew tagħha. Għandha tiġi meqjusa l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli għall-valutazzjoni, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe limitazzjoni imposta mill-iġi nazzjonali u irrispettivament mill-pajjiż li fihom seħħew kwalunkwe avvenimenti rilevanti.

10.10 Rekwiżiti ta' integrità jimplikaw, iżda mhumiex limitati għan-nuqqas ta' "rekords negattivi". Din in-nozzjoni hi speċifikata aktar f'liġijiet jew regolamenti nazzjonali, għalkemm dawn il-liġijiet ivarjaw fit-tifsira ta' rekords negattivi, u jirrikonoxxu li s-superviżur fil-mira għandu setgħa diskrezzjonali sabiex jiddetermina liema istituzzjonijiet oħra jixħtu dubju fuq l-integrità tal-akkwirent propost.

10.11 Kwalunkwe rekord kriminali jew amministrattivi rilevanti għandu jitqies, b'kunsiderazzjoni tat-tip ta' kundanna jew akkuża, il-livell tal-appell, is-sanzjoni mogħtija, il-fażi tal-proċess ġuridiku milħuqa u l-effett ta' kwalunkwe miżura ta' riabilitazzjoni. Kwistjonijiet oħra li għandhom jiġu kkunsidrati jinkludu ċ-ċirkostanzi relatati (inkluż attenwanti) u l-gravità ta' kwalunkwe reat rilevanti jew azzjoni amministrattiva jew superviżorja, il-perjodu li għadda u l-kondotta tal-akkwirent propost minn meta sar ir-reat, kif ukoll ir-rilevanza tar-reat jew l-azzjoni amministrattiva jew superviżorja għall-istatus tal-akkwirent propost bħala detentur ta' parteċipazzjoni kwalifikanti. Is-superviżuri fil-mira jistgħu jiġġudikaw ir-rilevanza ta' rekords kriminali b'mod differenti skont it-tip ta' kundanna, jekk għadux possibbli li jsir appell kontra s-sanzjoni (kundanna definittiva v mhux definittiva), it-tip ta' piena (priġunerija v sanzjonijiet inqas ħarxa), it-tul tas-sentenza (aktar vs. inqas minn perjodu speċifikat), il-fażi tal-proċess ġudizzjarju milħuqa (kundanna, ġuri, akkuża) u l-effett ta' riabilitazzjoni.

10.12 Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-effetti kumulattivi ta' inċidenti inqas serji, li b'mod individwali ma jaffettwawx b'mod negattiv ir-reputazzjoni ta' akkwirent propost iżda li kollettivament jista' jkollhom impatt materjali.

10.13 Għandhom jitqiesu b'mod partikolari l-fatturi li ġejjin, li jistgħu jqajmu tħassib dwar l-integrità ta' akkwirent propost:

- (a) kwalunkwe kundanna jew prosekuzzjoni ta' reat kriminali, b'mod partikolari:
  - i. kwalunkwe reat fil-liġijiet li jirregolaw attivitajiet bankarji, finanzjarji, titoli u assigurazzjonijiet, jew li jikkonċernaw swieq tat-titoli jew strumenti ta' titoli jew pagament;
  - ii. kwalunkwe reat ta' diżonestà, frodi jew kriminalità finanzjarja, inkluż il-ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-manipulazzjoni tas-suq, abbuż minn informazzjoni privileġġata, użura u korruzzjoni;
  - iii. kwalunkwe reat ta' taxxa;
  - iv. kwalunkwe reat ieħor fil-leġiżlazzjoni dwar il-kumpaniji, il-falliment, l-insolvenza jew il-protezzjoni tal-konsumatur;
- (b) kwalunkwe sejba rilevanti minn kontrolli fuq il-post u barra l-post, minn investigazzjonijiet jew azzjonijiet ta' infurzar, sal-punt li huma relatati mal-akkwirent propost direttament jew indirettament, permezz tas-sjieda jew kontroll tiegħu, u l-impożizzjoni ta' kwalunkwe sanzjoni amministrattiva minħabba nuqqas ta' konformità ma' dispożizzjonijiet li jirregolaw attivitajiet bankarji, finanzjarji, titoli jew assigurazzjonijiet jew dawk li jikkonċernaw swieq tat-titoli, strumenti tat-titoli jew tal-pagament, jew kwalunkwe leġiżlazzjoni u regolament tas-servizzi finanzjarji jew kwistjonijiet oħra kkontemplati fis-sub-paragrafu (a) hawn fuq;



- (c) kwalunkwe azzjoni ta' infurzar rilevanti minn kwalunkwe korp regolatorju jew professjonali ieħor minħabba nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti; u
- (d) kwalunkwe informazzjoni oħra minn sorsi kredibbli u affidabbli li hija rilevanti f'dan il-kuntest. Meta jikkunsidraw jekk l-informazzjoni minn sorsi oħra hijiex kredibbli u affidabbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kemm is-sors huwa pubbliku u affidabbli, sa liema punt l-informazzjoni tiġi pprovduta minn bosta sorsi indipendenti u ta' reputazzjoni tajba u hija konsistenti fuq perjodu ta' żmien u jekk hemmx raġuni raġonevoli biex jissuspettaw li din hija falza.

10.14 L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jikkunsidraw li n-nuqqas ta' kundanna penali jew prosekuzzjoni, azzjoni amministrattiva u ta' infurzar tikkostitwixxi fiha nfisha prova biżżejjed tal-integrità ta' akkwirent propost, b'mod partikolari meta allegazzjonijiet ta' kondotta kriminali jippersistu.

10.15 Għandha tingħata attenzjoni għall-fatturi li ġejjin dwar il-konformità tal-akkwirent propost f'negozjati passati:

- (a) kwalunkwe prova li l-akkwirent propost ma kienx trasparenti, miftuħ u kooperattiv fin-negozjati tiegħu ma' awtoritajiet superviżorji jew regolatorji;
- (b) rifjut ta' kwalunkwe reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija, jew liċenzja għat-twettiq ta' kummerċ, negozju jew professjoni; kwalunkwe revoka, irtirar, jew terminazzjoni ta' tali reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja u kwalunkwe tkeċċija minn korp jew assoċjazzjoni professjonali;
- (c) ir-raġunijiet għal kwalunkwe tkeċċija minn impjeg jew kwalunkwe pożizzjoni ta' fiduċja, relazzjoni fiduċjarja, jew sitwazzjoni oħra simili, kif ukoll kwalunkwe talba għar-riżenja minn tali pożizzjoni; u
- (d) kwalunkwe skwalifika minn xi awtorità kompetenti milli jaġixxi bħala persuna li tmexxi n-negozju.

10.16 Is-superviżuri fil-mira għandhom jivvalutaw ir-rilevanza ta' sitwazzjonijiet bħal dawn skont il-każ u jirrikonossu li l-karatteristiċi ta' kull sitwazzjoni jistgħu jkunu xi ftit jew wisq severi u li xi sitwazzjonijiet jistgħu jkunu sinifikanti meta kkunsidrati f'daqqa, minkejja l-fatt li b'mod individwali kull waħda minnhom tista' ma tkunx sinifikanti.

10.17 F'każijiet li jinvolvu l-akkwist ta' parteċipazzjoni kwalifikanti ġdida, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li fuqhom hija bbażata l-valutazzjoni tal-integrità jistgħu jvarjaw skont in-natura tal-akkwirent (persuna fiżika vs ġuridika, entità regolata jew sorveljata v mhux regolata).

10.18 Is-superviżur fil-mira għandu jkun jista' jieħu miżuri sensittivi għar-riskju u proporzjonati sabiex jivverifika l-eżistenza ta' avvenimenti negattivi relatati mal-akkwirent propost, inkluż billi jitlob lill-akkwirent propost, sa fejn ikunu għadhom ma ġewx ipprovduti, biex jipprovdidi dokumenti li juru li ma seħħ l-ebda avveniment bħal dan (pereżempju, estratti riċenti mir-reġistru kriminali, jekk l-awtorità rilevanti toħroġ tali estratti) u, jekk neċessarju, billi titlob konferma minn awtoritajiet oħra (awtoritajiet ġudizzjarji jew regolaturi oħra), irrISPETTIVAMENT minn jekk dawn l-awtoritajiet humiex domestiċi jew barranin. Is-superviżur fil-mira għandu jikkunsidra wkoll, sa fejn huma rilevanti u s-sors jidher affidabbli, indikazzjonijiet oħra ta' għemil ħażin, bħal rapporti tal-midja u allegazzjonijiet negattivi.

10.19 Jekk l-akkwirent propost ma jipprovdix l-estratti kkontemplati fil-paragrafu 10.18, id-dewmien fis-sottomissjoni tagħhom jew is-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni mhux kompleta jqajmu dubji dwar l-approvazzjoni tal-akkwist.

10.20 Fil-każ ta' żieda f'parteċipazzjoni kwalifikanti eżistenti li jaqbżu l-livelli limiti rilevanti kkontemplati fid-Direttivi u r-Regolamenti settorjali, u sakemm l-integrità tal-akkwiredent propost għet ievalutata qabel mis-superviżur fil-mira, l-informazzjoni rilevanti għandha tkun aġġornata kif xieraq.

10.21 Meta jivvaluta l-integrità tal-akkwiredent propost, is-superviżur fil-mira jista' jqis l-integrità u r-reputazzjoni ta' kwalunkwe persuna li għandha rabta mal-akkwiredent propost, jiġifieri kwalunkwe persuna li għandha, jew li jidher li għandha, relazzjoni familjari jew tan-negozju mill-qrib mal-akkwiredent propost.

## **B) KOMPETENZA PROFESSJONALI**

10.23 Il-kompetenza professjonali tal-akkwiredent propost tkopri kompetenza fil-maniġment (il-“kompetenza maniġerjali”) u fil-qasam tal-attivitajiet finanzjarji li jsiru mill-impriża fil-mira (il-“kompetenza teknika”).

10.24 Il-kompetenza maniġerjali tista' tkun ibbażata fuq l-esperjenza preċedenti tal-akkwiredent propost fl-akkwist u l-immaniġġjar ta' parteċipazzjonijiet f'kumpaniji, u għandha turi l-ħila, l-attenzjoni, id-diliġenza u l-konformità dovuti mal-istandards rilevanti.

10.25 Il-kompetenza teknika tista' tkun ibbażata fuq l-esperjenza preċedenti tal-akkwiredent propost fit-tħaddim u l-immaniġġjar ta' istituzzjonijiet finanzjarji bħala azzjonist kontrollanti jew bħala persuna li b'mod effettiv tmexxi n-negozju ta' ditta finanzjarja. F'dan il-każ ukoll, l-esperjenza għandha turi l-ħila, l-attenzjoni, id-diliġenza u l-konformità dovuti mal-istandards rilevanti.

10.26 Fil-każ ta' żieda f'parteċipazzjoni kwalifikanti eżistenti, u sakemm il-kompetenza professjonali tal-akkwiredent propost tkun għet ievalutata qabel mis-superviżur fil-mira, l-informazzjoni rilevanti għandha tkun aġġornata kif xieraq. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, din il-valutazzjoni aġġornata tal-kompetenza professjonali tal-akkwiredent propost għandha tqis iż-żieda fl-influenza u r-responsabilità assoċjati maż-żieda fil-parteċipazzjoni.

10.27 Jekk l-akkwiredent propost huwa persuna ġuridika, il-valutazzjoni tal-kompetenza professjonali għandha tkopri l-persuni li b'mod effettiv imexxu n-negozju tal-akkwiredent propost. Il-valutazzjoni tal-kompetenza teknika għandha tirrigwarda primarjament l-attivitajiet finanzjarji li attwalment qed jitwettqu mill-akkwiredent propost u/jew minn kumpaniji fil-grupp li jappartjeni għalih.

10.28 Persuni jistgħu jakkwistaw parteċipazzjonijiet sinifikanti f'kumpaniji finanzjarji bil-għan li jiddiversifikaw il-portafoll tagħhom u/jew jiksbu dividendi jew qligħ kapitali, iktar milli bil-għan li jsiru involuti fl-immaniġġjar tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata. Fid-dawl tal-influenza li l-akkwiredent propost x'aktarx ikollu fuq l-istituzzjoni fil-mira, ir-rekwiżiti ta' kompetenza professjonali għal dan it-tip ta' akkwiredent jistgħu jitnaqqsu b'mod sinifikanti.

10.29 B'mod simili, meta l-akkwist ta' kontroll jew ta' parteċipazzjoni azzjonarja jippermetti lill-akkwiredent propost jeżerċita influwenza qawwija (eż parteċipazzjoni li tikkonferixxi s-setgħa ta' veto), il-bżonn ta' kompetenza teknika ser ikun akbar, meta wieħed iqis li l-azzjonisti kontrollanti ser ikunu jistgħu jiddefinixxu u/jew japprovaw il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju u l-istrateġiji tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata. Bl-istess mod, il-livell ta' kompetenza teknika meħtieġ ser jiddependi fuq in-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet previsti.

10.30 Għandhom jitqiesu wkoll is-sitwazzjonijiet li ġejjin dwar il-prestazzjoni tan-negozju u s-solidità finanzjarja tal-passat u tal-preżent ta' akkwirent propost fir-rigward tal-impatt potenzjali tagħhom fuq il-kompetenza professjonali tiegħu jew tagħha:

- (a) kwalunkwe inklużjoni fi kwalunkwe lista ta' debituri mhux affidabbli jew kwalunkwe rekord negattiv simili ma' bureau ta' kreditu, jekk disponibbli;
- (b) il-prestazzjoni finanzjarja u tan-negozju tal-entitajiet li huma proprjetà ta' jew immexxija mill-akkwirent propost jew li fihom l-akkwirent propost kellu jew għandu sehem sinifikanti b'kunsiderazzjoni speċjali għal kwalunkwe riabilitazzjoni, falliment u proċeduri ta' stralċ' u jekk u kif l-akkwirent propost ikkontribwixxa għas-sitwazzjoni li wasslet għall-proċedimenti;
- (c) kwalunkwe dikjarazzjoni ta' falliment personali; u
- (d) kwalunkwe kawża ċivili, proċedimenti amministrattivi jew kriminali, investimenti jew skoperturi kbar u self meħud, sa fejn dawn jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq is-solidità finanzjarja.

## **11. Ir-reputazzjoni u l-esperjenza ta' dawk li ser imexxu n-negozju tal-impriża fil-mira – it-tieni kriterju ta' valutazzjoni**

11.1 Meta l-akkwirent propost ikun f'pożizzjoni li jaħtar persuni ġodda biex imexxu n-negozju tal-impriża fil-mira b'riżultat tal-akkwist propost u proposti biex isir dan, tali persuni jridu jkunu kompetenti u idonei.

11.2 Dan il-kriterju huwa mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità kontinwi li japplikaw għal persuni li attwalment imexxu n-negozju skont id-Direttivi u r-Regolamenti settorjali.

11.3 Jekk l-akkwirent propost għandu l-ħsieb li jaħtar persuna li mhijiex kompetenti u idonea, is-superviżur fil-mira għandu jopponi l-akkwist propost.

11.4 Dan il-kriterju għandu jiġi vvalutat f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi u r-Regolamenti settorjali li jstabbilixxu bħala kundizzjoni għall-għoti ta' awtorizzazzjoni li l-persuni li jmexxu n-negozju jridu jkunu "kompetenti u idonei". Il-valutazzjoni tal-idoneità ta' dawn il-persuni għandha, fir-rigward ta' akkwisti u żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti f'istituzzjonijiet ta' kreditu, issir f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin (EBA/GL/2012/06), kif emendati jew sostitwiti minn żmien għal żmien.

## **12. Solidità finanzjarja tal-akkwirent propost – it-tielet kriterju ta' valutazzjoni**

12.1 Is-solidità finanzjarja tal-akkwirent propost għandha tinftehem bħala l-kapaċità tal-akkwirent propost li jiffinanzja l-akkwist propost u li jżomm, għall-futur prevedibbli, struttura finanzjarja tajba fir-rigward tal-akkwirent propost u l-impriża fil-mira. Din il-kapaċità għandha tiġi riflessa fl-għan globali tal-akkwist u l-politika tal-akkwirent propost dwar l-akkwist, iżda wkoll – jekk l-akkwist propost iwassal għal parteċipazzjoni kwalifikanti ta' 50 % jew aktar jew biex l-impriża fil-mira ssir sussidjarja tal-akkwirent propost – fl-għanijiet finanzjarji previsti, b'mod konsistenti mal-istrateġija identifikata fil-pjan ta' direzzjoni tan-negozju.

12.2 Is-superviżur fil-mira għandu jiddetermina jekk l-akkwient propost huwiex sod biżżejjed minn perspettiva finanzjarja sabiex ikun żgurat immaniġġjar sod u prudenti tal-impriża fil-mira għall-futur prevedibbli (normalment tliet snin), fid-dawl tan-natura tal-akkwient propost u tal-akkwist.

12.3 Is-superviżur fil-mira għandu jopponi l-akkwist jekk jikkonkludi, abbażi tal-analiżi tiegħu tal-informazzjoni li rċieva, li l-akkwient propost x'aktarx iħabbat wiċċu ma' diffikultajiet finanzjarji waqt il-proċess tal-akkwist jew fil-futur prevedibbli.

12.4 Is-superviżur fil-mira għandu janalizza wkoll jekk il-mekkaniżmi finanzjarji stabbiliti mill-akkwient propost sabiex jiffinanzjaw l-akkwist, jew relazzjonijiet finanzjarji eżistenti bejn l-akkwient propost u l-impriża fil-mira, jistgħux iwasslu għal kunflitti ta' interess li jistgħu jaffettwaw l-impriża fil-mira.

12.5 Il-profondità tal-valutazzjoni tas-solidità finanzjarja tal-akkwient propost għandha tkun marbuta mal-influenza li x'aktarx ikollu l-akkwient propost, in-natura tal-akkwient propost (pereżempju jekk l-akkwient propost huwiex investitur strateġiku jew finanzjarju, inkluż jekk hijiex fond ta' ekwità privata jew fond ħeġġ) u n-natura tal-akkwist (pereżempju jekk it-tranżazzjoni hijiex sinifikanti jew kumplessa, kif deskritt fil-paragrafu 9.3). Il-karatteristiċi tal-akkwist jistgħu jiġġustifikaw ukoll differenzi fil-profondità u l-metodi tal-analiżi mis-superviżur kompetenti. F'dan ir-rigward, wieħed għandu jiddistingwi sitwazzjonijiet meta l-akkwist iwassal għal bidla fil-kontroll tal-impriża fil-mira minn sitwazzjonijiet li ma jwasslux għal din il-bidla.

12.6 L-informazzjoni rekwiżita għall-valutazzjoni tas-solidità finanzjarja tal-akkwient propost ser tiddependi fuq l-istatus tal-akkwient propost, pereżempju jekk huwiex:

- (a) istituzzjoni finanzjarja soġġetta għal superviżjoni prudenzjali;
- (b) entità legali għajr istituzzjoni finanzjarja; jew
- (c) persuna fiżika.

12.7 Jekk l-akkwient propost huwa istituzzjoni finanzjarja soġġetta għal superviżjoni prudenzjali minn superviżur kompetenti ieħor (tal-UE jew ekwivalenti), is-superviżur fil-mira għandu jikkunsidra l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-akkwient propost minn tali superviżur ieħor, flimkien mad-dokumenti miġbura u trażmessi direttament mis-superviżur tal-akkwient propost lis-superviżur fil-mira.

12.8 Il-proċess ta' kooperazzjoni bejn is-superviżuri kompetenti jista' jkun influwenzat min-natura u l-post tal-akkwient propost, kif ġej:

- (a) jekk l-akkwient propost huwa entità sorveljata fi Stat Membru ieħor, il-valutazzjoni tas-solidità finanzjarja tiegħu għandha tibbaża ħafna fuq il-valutazzjoni li saret mis-superviżur tal-akkwient propost, li jkollha l-informazzjoni kollha dwar il-profittabilità, il-likwidità u s-solvenza tal-akkwient propost, kif ukoll dwar id-disponibilità tar-riżorsi għall-akkwist (madankollu, mingħajr preġudizzju għall-possibilità li s-superviżur fil-mira ma jaqbilx mal-valutazzjoni tas-superviżur tal-akkwient propost); jew
- (b) jekk l-akkwient propost huwa entità finanzjarja sorveljata minn superviżur kompetenti f'pajjiż terz meqjus ekwivalenti, il-valutazzjoni tista' tiġi ffaċilitata permezz ta' kooperazzjoni ma' dak is-superviżur kompetenti.

12.9 Filwaqt li l-użu ta' fondi mislufa sabiex jiġi ffinanzjat l-akkwist m'għandux, fih innifsu, iwassal għall-konklużjoni li l-akkwient propost mhuwiex adatt, is-superviżur fil-mira għandu jivvaluta jekk tali dejn jaffettwax b'mod negattiv is-solidità finanzjarja tal-akkwient propost jew il-kapaċità tal-impriża fil-mira li tikkonforma ma' rekwiżiti prudenzjali (inkluż, fejn rilevanti, l-impenji li ħa l-akkwient propost biex jissodisfa r-rekwiżiti prudenzjali).

### **13. Konformità ma' rekwiżiti prudenzjali tal-impriża fil-mira – ir-raba' kriterju ta' valutazzjoni**

13.1 L-akkwist propost m'għandux jaffettwa ħażin il-konformità tal-impriża fil-mira mar-rekwiżiti prudenzjali.

13.2 Din il-valutazzjoni speċifika tal-pjan tal-akkwired propost fiż-żmien li sar l-akkwist hija kumplimentari għar-responsabbiltajiet tas-superviżur fil-mira għas-superviżjoni kontinwa tal-impriża fil-mira.

13.3 Is-superviżur fil-mira għandu jqis mhux biss il-fatti oġġettivi, bħall-parteċipazzjoni maħsuba fil-impriża fil-mira, ir-reputazzjoni tal-akkwired propost, is-solidità finanzjarja u l-istruttura tal-grupp tiegħu, iżda wkoll l-intenzjonijiet iddikjarati tal-akkwired propost fil-konfront tal-impriża fil-mira mfissra fl-istrateġija tiegħu (inkluż kif riflessi fil-pjan ta' tmexxija tan-negozju). Dan jista' jkun imsaħħaħ b'impenji xierqa tal-akkwired propost biex jissodisfa r-rekwiżiti prudenzjali skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fid-Direttivi u r-Regolamenti settorjali. Dawn l-impenji jistgħu jinkludu, pereżempju, appoġġ finanzjarju f'każ ta' problemi ta' likwidità jew solvenza, kwistjonijiet ta' governanza korporattiva, il-mira tas-sehem futur tal-akkwired propost fil-impriża fil-mira u d-direzzjonijiet u l-objettivi għall-iżvilupp.

13.4 Is-superviżur fil-mira għandu jivvaluta l-kapaċità tal-impriża fil-mira li tikkonforma fiż-żmien tal-akkwist propost, u li tkompli tikkonforma wara l-akkwist, mar-rekwiżiti prudenzjali kollha, inkluż rekwiżiti kapitali, rekwiżiti ta' likwidità u limiti ta' skoperturi kbar, kif ukoll mar-rekwiżiti dwar arranġamenti ta' governanza, kontroll intern, immaniġġjar tar-riskju u konformità.

13.5 Jekk l-impriża fil-mira ser tkun parti minn grupp b'riżultat tal-akkwist propost, is-superviżur fil-mira għandu jkun sodisfatt li mhux ser titwaqqaf milli teżerċita superviżjoni effettiva, milli tiskambja b'mod effettiv informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti jew milli tiddetermina l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kompetenti permezz tar-rabtiet mill-qrib tal-grupp ġdid tal-impriża fil-mira mal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi l-oħra. Is-superviżur fil-mira m'għandux jitwaqqaf milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' monitoraġġ mil-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' pajjiż ieħor li jirregolaw persuna fiżika jew ġuridika b'rabtiet mill-qrib mal-impriża fil-mira, jew minn diffikultajiet fl-infurzar ta' dawk il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi.

13.6 Il-valutazzjoni prudenzjali tal-akkwired propost għandha tkopri wkoll il-kapaċità li tappoġġja organizzazzjoni xierqa tal-impriża fil-mira fi ħdan il-grupp ġdid tagħha. Kemm l-impriża fil-mira kif ukoll il-grupp għandu jkollhom arranġamenti ta' governanza korporattiva ċari u trasparenti u organizzazzjoni xierqa.

13.7 Il-grupp li l-impriża fil-mira ser issir parti minnu għandu jkun kapitalizzat kif xieraq.

13.8 Is-superviżur fil-mira għandu jikkunsidra wkoll jekk l-akkwired propost huwiex ser ikun jista' jagħti lill-impriża fil-mira l-appoġġ finanzjarju li jista' jkollha b'żonn għat-tip ta' negozju segwit minn u/jew maħsub għaliha, jagħti kwalunkwe kapital ġdid li l-impriża fil-mira tista' teħtieġ għal tkabbir futur fl-attivitajiet tagħha u jimplementa kwalunkwe soluzzjoni xierqa oħra sabiex jakkomoda l-b'żonnijiet ta' fondi proprji addizzjonali tal-impriża fil-mira.

13.9 Jekk l-akkwist propost iwassal għal parteċipazzjoni kwalifikanti ta' 50 % jew aktar jew biex l-impriża fil-mira ssir sussidjarja tal-akkwired propost, ir-raba' kriterju għandu jkun ivvalutat fiż-żmien

tal-akkwist u fuq bażi kontinwa għall-futur prevedibbli (normalment tliet snin). Il-pjan ta' tmexxija tan-negozju pprovdut mill-akkwiredent propost lis-superviżur fil-mira għandu jkopri tal-anqas dan il-perjodu. Min-naħa l-oħra, f'każijiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti ta' anqas minn 20 %, ir-reqwiżiti ta' informazzjoni għandhom jitnaqqsu, kif ikkontemplat fl-Anness I.

13.10 Il-pjan ta' tmexxija tan-negozju għandu jikkjarifika l-pjanijiet tal-akkwiredent propost dwar l-attivitajiet u l-organizzazzjoni futuri tal-imprezza fil-mira. Dan għandu jinkludi deskrizzjoni tal-istruttura tal-grupp proposta tiegħu. Il-pjan għandu jevalwa wkoll il-konsegwenzi finanzjarji tal-akkwist propost u jinkludi previżjoni għal żmien medju.

## **14. Suspett ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu mill-akkwiredent propost – il-ħames kriterju ta' valutazzjoni**

14.1 Il-valutazzjoni tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu tikkomplimenta l-valutazzjoni tal-integrità u għandha titwettaq irrispettivament mill-valur u karatteristiċi oħra tal-akkwist propost.

14.2 Jekk:

- (a) is-superviżur fil-mira jaf jew jissuspetta, jew għandu raġunijiet raġonevoli biex ikun jaf jew jissuspetta li l-akkwiredent propost huwa jew kien involut f'operazzjonijiet jew tentattivi ta' ħasil tal-flus, kemm jekk dawn huma direttament jew indirettament marbuta mal-akkwist propost jew le;
- (b) is-superviżur fil-mira jaf jew jissuspetta, jew għandu raġunijiet raġonevoli biex ikun jaf jew jissuspetta li l-akkwiredent propost wettaq attivitajiet terroristiċi jew finanzjament tat-terroriżmu, b'mod partikolari jekk l-akkwiredent propost huwa soġġett għal reġim ta' sanzjoni finanzjarja; jew
- (c) l-akkwist propost iżid ir-riskju ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, is-superviżur fil-mira għandu jopponi l-akkwist propost.

Il-valutazzjoni għandha tkopri wkoll il-persuni b'rabtiet personali jew tan-negozju mill-qrib mal-akkwiredent propost, inkluż il-proprietarji legali u benefiċjarji tal-akkwiredent propost.

14.3 Meta jivvaluta jekk akkwist propost iwassalx għal riskju akbar ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu jew le, is-superviżur fil-mira għandu jqis l-informazzjoni dwar l-akkwiredent propost miġbura waqt il-proċess ta' valutazzjoni, evalwazzjonijiet, valutazzjonijiet jew rapporti mfassla minn organizzazzjonijiet internazzjonali u dawk li jiffissaw l-istandards ma' kompetenzi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, reati ewlenin tal-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll tfittxijiet miftuħa għall-midja.

14.4 Is-superviżur fil-mira għandu jopponi wkoll l-akkwist anke meta m'hemm l-ebda rekord kriminali, jew meta m'hemm l-ebda raġuni raġonevoli sabiex jiġi ssuspettat li qed isir jew hemm

tentattiv li jsir ħasil tal-flus, jekk il-kuntest tal-akkwist jagħti raġunijiet raġonevoli għas-suspett li ser ikun hemm riskju akbar ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu.

Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, jekk l-akkwiredent propost huwa stabbilit fi jew hu stess għandu rabtiet personali jew tan-negozju rilevanti (jew permezz ta' kwalunkwe membru familjarji jew persuni magħrufa bħala assoċjati mill-qrib) ma' pajjiż jew territorju li t-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja identifikat bħala li għandu nuqqasijiet strateġiċi li huma ta' riskju għas-sistema finanzjarja internazzjonali jew ma' pajjiż jew territorju identifikat mill-Kummissjoni Ewropea bħala li għandu nuqqasijiet strateġiċi fil-ġlieda nazzjonali kontra l-ħasil tal-flus jew ir-reġim ta' finanzjament kontra t-terroriżmu li huma ta' theddida serja għas-sistema finanzjarja. Fi kwalunkwe każ, għandha tingħata attenzjoni partikolari meta l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz ma tippermettix l-applikazzjoni ta' miżuri li jiġġieldu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu b'mod konsistenti ma' dawk applikabbli fl-Unjoni Ewropea. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll ir-rapporti rilevanti ta' organizzazzjonijiet bħal Transparency International, l-OECD u l-Bank Dinji.

14.5 F'dan il-kuntest, is-superviżuri fil-mira għandhom jivvalutaw ukoll informazzjoni dwar is-sors tal-fondi li ser jintużaw għall-akkwist propost, inkluż kemm l-attività li ġġenerat il-fondi kif ukoll il-mezzi li permezz tagħhom ġew trasferiti, sabiex jiġi vvalutat jekk dan jistax iwassal għal riskju akbar ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu. Is-superviżuri fil-mira għandhom jivverifikaw li:

- (a) il-fondi użati għall-akkwist jiġu mqassma minn katini ta' istituzzjonijiet finanzjarji, li huma kollha soġġetti għal superviżjoni tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu b'mod effettiv minn awtoritajiet kompetenti (i) fl-UE jew (ii) f'pajjiżi mhux tal-UE li, abbażi ta' sorsi kredibbli bħal evalwazzjonijiet reċiproki, rapporti ta' valutazzjoni ddettaljati jew rapporti ta' segwitu ppubblikati, għandhom rekwiżiti sabiex jikkumbattu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu b'mod konsistenti mar-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF u jimplementaw dawk ir-rekwiżiti b'mod effettiv;
- (b) l-informazzjoni dwar l-attività li ġġenerat il-fondi, inkluż l-istorja tal-attivitajiet kummerċjali tal-akkwiredent propost u dwar l-iskema ta' finanzjament hija kredibbli u konsistenti mal-valur tal-ftehim; u
- (c) il-fondi għandhom dokumentazzjoni mhux interrotta li tmur lura għall-bidu tagħhom, jew informazzjoni oħra li tippermetti lill-awtoritajiet superviżorji jsolvu d-dubbi kollha dwar l-oriġini legali tagħhom.

14.6 Jekk is-superviżur fil-mira ma jkunx jista' jivverifika s-sors tal-fondi bil-mod deskritt fil-paragrafu 14.5, għandu jikkunsidra jekk l-ispjegazzjoni pprovduta hijiex raġonevoli u kredibbli jew le, fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-integrità tal-akkwiredent propost.

14.7 Informazzjoni nieqsa jew informazzjoni meqjusa bħala mhux kompleta, insuffiċjenti jew li tista' tagħti lok għal suspett – pereżempju, movimenti kapitali mhux kontabilizzati, rilokazzjonijiet transkonfinali tal-kwartieri ġenerali, bidliet fl-immaniġġjar jew proprjetarji li huma persuni ġuridiċi, assoċjazzjonijiet preċedenti tal-proprjetarji, jew l-immaniġġjar tal-kumpanija minn kriminali – għandhom iwasslu għal aktar diliġenza u talbiet superviżorji mis-superviżur fil-mira għal

informazzjoni ulterjuri u, jekk is-suspetti raġonevoli jippersistu, is-superviżur fil-mira għandu jopponi l-akkwist.



## **Titolu III – Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni**

Dawn il-Linji Gwida japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2017. Fi u minn tali data, il-Linji Gwida CEBS, KRET u CEIOPS konġunti għall-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet f'parteċipazzjonijiet fis-settur finanzjarju rekwiżiti mid-Direttiva 2007/44/KE (CEBS/2008/14; CEIOPS-3L3-19/08; CESR/08-543b) huma mħassra, mingħajr preġudizzju għall-punt (c) tal-paragrafu 9.5.

# Anness I – Lista ta' informazzjoni rrakkomandata rekwiżita għall-valutazzjoni ta' akkwist ta' parteċipazzjoni kwalifikanti

## **Taqsim 1** **Suġġett**

Dan l-Anness jistabbilixxi l-lista ta' informazzjoni rrakkomandata li għandha tkun rekwiżita, soġġetta għall-paragrafu 9.5 tal-Linji Gwida, minn superviżuri fil-mira sabiex tiġi inkluzja minn akkwirent propost fin-notifika ta' akkwist propost ta', jew żieda f'parteċipazzjoni kwalifikanti għall-valutazzjoni tal-akkwist propost.

## **Taqsim 2** **Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta mill-akkwirent propost**

L-informazzjoni li għandha tkun ipprovduta mill-akkwirent propost lill-awtorità kompetenti tal-impriża fil-mira għandha tkun dik imsemmija fit-Taqsimit 3 sa 13 ta' dan l-Anness, skont jekk l-informazzjoni tirrigwardax persuna fiżika jew persuna ġuridika jew fiduċjarja.

## **Taqsim 3** **Informazzjoni ġenerali dwar l-identità tal-akkwirent propost**

1. Meta l-akkwirent propost ikun persuna fiżika, l-akkwirent propost għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar l-identità tiegħu lis-superviżur fil-mira:
  - (a) id-dettalji personali fosthom l-isem tal-persuna, id-data u l-post tat-twelid, in-numru personali tal-identifikazzjoni nazzjonali (meta disponibbli), l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt;
  - (b) *curriculum vitae* ddettaljat (jew dokument ekwivalenti), li jindika l-edukazzjoni u t-taħriġ rilevanti, l-esperjenza professjonali preċedenti, u kwalunkwe attività professjonali jew funzjonijiet rilevanti oħra li qed jitwettqu attwalment.
2. Meta l-akkwirent propost ikun persuna ġuridika, l-akkwirent propost għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja lis-superviżur fil-mira:
  - (a) dokumenti li jiċċertifikaw l-isem tan-negozju u l-indirizz reġistrat tal-uffiċċju prinċipali tiegħu, u l-indirizz postali jekk dan huwa differenti, id-dettalji ta' kuntatt u n-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali tiegħu (meta disponibbli);
  - (b) reġistrazzjoni ta' forma ġuridika f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti;
  - (c) ħarsa ġenerali aġġornata lejn l-attivitajiet intraprenditorjali;
  - (d) lista sħiħa ta' persuni li b'mod effettiv imexxu n-negozju, isimhom, id-data u l-post tat-twelid, l-indirizz, id-dettalji ta' kuntatt, in-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali, meta disponibbli, u *curriculum vitae* ddettaljat (li jindika l-edukazzjoni u t-taħriġ rilevanti, l-esperjenza professjonali preċedenti, kwalunkwe attività professjonali jew funzjoni oħra rilevanti li tkun qed titwettaq attwalment);
  - (e) l-identità tal-persuni kollha li jistgħu jitqiesu bħala proprjetarji benefiċjarji tal-persuna ġuridika, isimhom, id-data u l-post tat-twelid, l-indirizz, id-dettalji ta' kuntatt u n-numru tal-identifikazzjoni nazzjonali tagħhom, meta disponibbli.
3. Għal fiduċjarji li jeżistu diġà jew li jirriżultaw mill-akkwist propost, l-akkwirent propost għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja lis-superviżur fil-mira:

- (a) L-identità tal-fiduċjarji kollha li jkunu ser jimmaniġġjaw l-assi skont it-termini tad-dokument ta' fiduċja u, fejn applikabbli, l-ishma rispettivi tagħhom fid-distribuzzjoni tal-introjtu;
- (b) L-identità tal-persuni kollha li huma proprjetarji benefiċjarji jew *settlers* tal-proprjetà fiduċjarja u, fejn applikabbli, l-ishma rispettivi tagħhom fid-distribuzzjoni tal-introjtu.

#### **Taqsim 4**

##### **Informazzjoni addizzjonali dwar l-akkwired propost li huwa persuna ġuridika**

1. L-akkwired propost li huwa persuna fiżika għandu jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali li ġejja lis-superviżur fil-mira:
  - (a) L-informazzjoni li ġejja dwar l-akkwired propost, u kwalunkwe impriża mmexxija jew ikkontrollata mill-akkwired propost matul dawn l-aħħar 10 snin:
    - (1) rekords kriminali, investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali, każijiet ċivili u amministrattivi rilevanti, u azzjonijiet dixxiplinari (inkluż skwalifika minn direttur ta' kumpanija jew falliment, insolvenza jew proċeduri simili), b'mod partikolari permezz ta' ċertifikat uffiċjali (jekk u sakemm ikun disponibbli fl-Istat Membru jew il-pajjiż terz rilevanti), jew permezz ta' dokument ekwivalenti ieħor. Għal investigazzjonijiet li jkunu għadhom għaddejnin, l-informazzjoni tista' tkun ipprovduta permezz ta' dikjarazzjoni ta' unur;
    - (2) investigazzjonijiet miftuħa, proċedimenti ta' infurzar, sanzjonijiet jew deċiżjonijiet oħra ta' infurzar kontra l-akkwired propost;
    - (3) rifjut ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex jitwettaq kummerċ, negozju jew professjoni; jew l-irtirar, ir-revoka jew it-terminazzjoni ta' tali reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja; jew tkeċċija minn korp regolatorju jew governattiv jew korp professjonali jew assoċjazzjoni;
    - (4) tkeċċija minn impjeg jew pożizzjoni ta' fiduċja, relazzjoni fiduċjarja jew sitwazzjoni simili;
  - (b) informazzjoni dwar jekk valutazzjoni tar-reputazzjoni tal-akkwired propost saritx diġà jew le minn awtorità superviżorja oħra, l-identità ta' dik l-awtorità u prova tal-eżitu tal-valutazzjoni;
  - (c) informazzjoni dwar il-pożizzjoni finanzjarja attwali tal-akkwired propost, inkluż dettalji dwar is-sorsi ta' dħul, l-assi u l-obbligazzjonijiet, ir-raham u l-garanziji, mogħtija jew riċevuti;
  - (d) deskrizzjoni tal-attivitajiet kummerċjali tal-akkwired propost;
  - (e) informazzjoni finanzjarja inkluż klassifikazzjonijiet tal-kreditu u rapporti disponibbli pubblikament dwar l-impriża kkontrollati jew immexxija mill-akkwired propost u, jekk applikabbli, dwar l-akkwired propost;
  - (f) deskrizzjoni tal-interessi finanzjarji u mhux jew relazzjonijiet tal-akkwired propost mal-persuni elenkati fil-punti li ġejjin:
    - (1) kwalunkwe azzjonist attwali ieħor tal-impriża fil-mira;
    - (2) kwalunkwe persuna intitolata li teżerċita d-drittijiet tal-vot tal-impriża fil-mira f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin jew taħlita tagħhom:
      - id-drittijiet tal-vot miżmuma minn parti terza li magħha dik il-persuna jew entità kkonkludiet ftehim, li jobligahom jadottaw, permezz tal-

- eżerċizzju kkonċertat tad-drittijiet tal-vot li għandhom, politika komuni dejjiema għall-immaniġġjar tal-emittent inkwistjoni;
  - drittijiet tal-vot miżmuma minn parti terza skont ftehim konkluż ma’ dik il-persuna jew entità li tkun qed ttiprovdi għat-trasferiment temporanju għal kunsiderazzjoni tad-drittijiet tal-vot inkwistjoni;
  - id-drittijiet tal-vot marbuta ma’ ishma li huma ppreżentati bħala kollateral ma’ dik il-persuna jew entità, diment li l-persuna jew l-entità tikkontrolla d-drittijiet tal-vot u tiddikjara l-intenzjoni tagħha li teżerċitahom;
  - id-drittijiet tal-vot relatati ma’ ishma li fihom dik il-persuna jew entità għandha l-interess għall-ħajja;
  - id-drittijiet tal-vot li huma miżmuma jew li jistgħu jiġu eżerċitati skont it-tifsira tal-ewwel erba’ punti ta’ dan is-subparagrafu (2), minn impriża kkontrollata minn dik il-persuna jew entità;
  - id-drittijiet tal-vot marbuta ma’ ishma ddepożitati ma’ dik il-persuna jew entità li l-persuna jew l-entità tista’ teżerċita fid-diskrezzjoni tagħha fin-nuqqas ta’ istruzzjonijiet speċifiċi mill-azzjonisti;
  - drittijiet tal-vot miżmuma minn parti terza f’isimha stess għan-nom ta’ dik il-persuna jew l-entità;
  - drittijiet tal-vot li dik il-persuna jew entità tista’ teżerċita bħala indikatur meta l-persuna jew entità tista’ teżerċita d-drittijiet tal-vot fid-diskrezzjoni tagħha f’każ ta’ nuqqas ta’ istruzzjonijiet speċifiċi mill-azzjonisti;
- (3) kwalunkwe membru tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, f’konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, jew tal-maniġment superjuri tal-impriża fil-mira;
- (4) l-impriża fil-mira nnfisha u l-grupp tagħha;
- (g) informazzjoni dwar kwalunkwe interess jew attività tal-akkwired propost li jistgħu jkunu f’kunflitt ma’ dawk tal-impriża fil-mira u soluzzjonijiet possibbli għall-immaniġġjar ta’ dawk il-kunflitti ta’ interess.
2. Fir-rigward tal-punt (f) tal-paragrafu 1, interessi finanzjarji jistgħu jinkludu interessi bħal operazzjonijiet ta’ kreditu, garanziji u rahan. Interessi mhux finanzjarji jistgħu jinkludu interessi bħal relazzjonijiet familjari jew mill-qrib.

### **Taqsim 5**

#### ***Informazzjoni addizzjonali dwar l-akkwired propost li huwa persuna ġuridika***

1. L-akkwired propost li huwa persuna ġuridika għandu jagħti l-informazzjoni addizzjonali li ġejja lis-superviżur fil-mira:
- (a) informazzjoni dwar l-akkwired propost, kwalunkwe persuna li b’mod effettiv tmexxi n-negozju tal-akkwired propost, kwalunkwe impriża taħt il-kontroll tal-akkwired propost u kwalunkwe azzjonista li jeżerċita influwenza sinifikanti fuq l-akkwired propost kif definit fil-punt (e). Dik l-informazzjoni għandha tinkludi dan li ġejj:
- (1) rekords kriminali, investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali, każijiet ċivili u amministrattivi rilevanti, u azzjonijiet dixiplinari (inkluż skwalifika minn direttur ta’ kumpanija jew falliment, insolvenza jew proċeduri simili), b’mod

- partikolari permezz ta' ċertifikat uffiċjali (jekk u sakemm ikun disponibbli fl-Istat Membru jew il-pajjiż terz rilevanti), jew permezz ta' dokument ekwivalenti ieħor. Għal investigazzjonijiet li jkunu għadhom għaddejnin, l-informazzjoni tista' tkun ipprovduta permezz ta' dikjarazzjoni ta' unur;
- (2) investigazzjonijiet miftuħa, proċedimenti ta' infurzar, sanzjonijiet jew deċiżjonijiet oħra ta' infurzar kontra l-akkwiredent propost;
  - (3) rifjut ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex jitwettaq kummerċ, negozju jew professjoni; jew l-irtirar, ir-revoka jew it-terminazzjoni ta' tali reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja; jew tkeċċija minn korp regolatorju jew governattiv jew korp professjonali jew assoċjazzjoni;
  - (4) tkeċċija minn impjeg jew minn pożizzjoni ta' fiduċja, relazzjoni fiduċjarja jew sitwazzjoni simili (fir-rigward ta' kwalunkwe persuna li b'mod effettiv tmexxi n-negozju tal-akkwiredent propost u kwalunkwe azzjonista li jeżerċita influwenza sinifikanti fuq l-akkwiredent propost);
- (b) informazzjoni dwar jekk valutazzjoni tar-reputazzjoni tal-akkwiredent propost jew tal-persuna li tmexxi n-negozju tal-akkwiredent propost saritx diġà jew le minn awtorità superviżorja oħra, l-identità ta' dik l-awtorità u prova tal-eżitu tal-valutazzjoni;
- (c) deskrizzjoni ta' interessi finanzjarji u mhux jew relazzjonijiet tal-akkwiredent propost jew, fejn applikabbli, il-grupp li jappartjeni għalih l-akkwiredent propost, kif ukoll il-persuni li b'mod effettiv imexxu n-negozju tiegħu ma':
- (1) kwalunkwe azzjonista attwali ieħor tal-impriża fil-mira;
  - (2) kwalunkwe persuna intitolata li teżerċita d-drittijiet tal-vot tal-impriża fil-mira f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin jew taħlita tagħhom:
    - id-drittijiet tal-vot miżmuma minn parti terza li magħha dik il-persuna jew entità kkonkludiet ftehim, li jobbligahom jadottaw, permezz tal-eżerċizzju kkonċertat tad-drittijiet tal-vot li għandhom, politika komuni dejjiema għall-immaniġġjar tal-emittent inkwistjoni;
    - drittijiet tal-vot miżmuma minn parti terza skont ftehim konkluż ma' dik il-persuna jew entità li tkun qed tipprovi għat-trasferiment temporanju għal kunsiderazzjoni tad-drittijiet tal-vot inkwistjoni;
    - id-drittijiet tal-vot marbuta ma' ishma li huma ppreżentati bħala kollateral ma' dik il-persuna jew entità, diment li l-persuna jew entità tikkontrolla d-drittijiet tal-vot u tiddikjara l-intenzjoni tagħha li teżerċitahom;
    - id-drittijiet tal-vot relatati ma' ishma li fihom dik il-persuna jew entità għandha l-interess għall-ħajja;
    - id-drittijiet tal-vot li huma miżmuma jew li jistgħu jiġu eżerċitati skont it-tifsira tal-ewwel erba' punti ta' dan is-subparagrafu (2), minn impriża kkontrollata minn dik il-persuna jew entità;
    - id-drittijiet tal-vot marbuta ma' ishma ddepożitati ma' dik il-persuna jew entità li l-persuna jew entità tista' teżerċita fid-diskrezzjoni tagħha fin-nuqqas ta' istruzzjonijiet speċifiċi mill-azzjonisti;
    - drittijiet tal-vot miżmuma minn parti terza f'isimha stess għan-nom ta' dik il-persuna jew l-entità;

- drittijiet tal-vot li dik il-persuna jew entità tista' teżerċita bħala indikatur meta l-persuna jew entità tista' teżerċita d-drittijiet tal-vot fid-diskrezzjoni tagħha f'każ ta' nuqqas ta' istruzzjonijiet speċifiċi mill-azzjonisti;
  - (3) kwalunkwe membru tal-korp amministrattiv, manigġerjali jew superviżorju, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, jew tal-maniġment superjuri tal-impriża fil-mira;
  - (4) l-impriża fil-mira nfisha u l-grupp li tappartjeni għalih;
  - (d) informazzjoni dwar kwalunkwe interessi jew attivitajiet tal-akkwired propost li jistgħu jkunu f'kunflitt ma' dawk tal-impriża fil-mira u soluzzjonijiet possibbli għall-immaniġġjar ta' dawk il-kunflitti ta' interess;
  - (e) l-istruttura tal-parteċipazzjoni azzjonarja tal-akkwired propost, bl-identità tal-azzjonisti kollha li jeżerċitaw influwenza sinifikanti u s-sehem tal-kapital rispettiv u d-drittijiet tal-vot tagħhom inkluż informazzjoni dwar kwalunkwe ftehim tal-azzjonisti;
  - (f) jekk l-akkwired propost huwa parti minn grupp, bħala sussidjarju jew bħala impriża omm, skema organizzazzjonali ddettaljata tal-istruttura korporattiva sħiħa u informazzjoni dwar is-sehem ta' kapital u d-drittijiet tal-vot ta' azzjonisti b'influwenza sinifikanti fuq l-entitajiet tal-grupp u fuq l-attivitajiet li qed isiru attwalment mill-entitajiet tal-grupp;
  - (g) jekk l-akkwired propost huwa parti minn grupp, bħala sussidjarju jew bħala l-kumpanija omm, informazzjoni dwar ir-relazzjonijiet bejn l-entitajiet finanzjarji tal-grupp u entitajiet oħra mhux finanzjarji tal-grupp;
  - (h) identifikazzjoni ta' kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu; impriża ta' "assurance", assigurazzjoni jew riassigurazzjoni; ditta tal-investment fil-grupp, u l-ismijiet tal-awtoritajiet superviżorji rilevanti;
  - (i) dikjarazzjonijiet finanzjarji statutorji, fuq livelli individwali u, fejn applikabbli, f'livelli ta' grupp konsolidati u subkonsolidati, irrISPETTIVAMENT mid-daqs tal-akkwired propost, għall-aħħar tliet perjodi finanzjarji, approvati, meta d-dikjarazzjonijiet finanzjarji jiġu awditjati, mill-awditur estern, inkluż:
    - (1) il-karta tal-bilanċ;
    - (2) ir-rapporti tal-introjt jew ir-rapport tad-dħul;
    - (3) ir-rapporti annwali u l-annessi finanzjarji u kwalunkwe dokument ieħor irreġistrat mar-reġistru jew l-awtorità rilevanti fit-territorju partikolari rilevanti għall-akkwired propost.

Meta l-akkwired propost ikun entità li tkun għadha kif ġiet stabbilita, minflok l-informazzjoni speċifikata fl-ewwel subparagrafu, l-akkwired propost għandu jipprovdi lis-superviżur fil-mira l-karti tal-bilanċ previsti u r-rapporti tal-introjt jew ir-rapporti tad-dħul previsti għall-ewwel tliet snin ta' negozju, inkluż is-suppożizzjonijiet tal-ippjanar użati;
  - (j) fejn disponibbli, informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-akkwired propost u l-klassifikazzjoni globali tal-grupp tiegħu.
2. Fir-rigward tal-punt (c) tal-paragrafu 1, interessi finanzjarji jistgħu jinkludu interessi bħal operazzjonijiet ta' kreditu, garanziji u rahan. Interessi mhux finanzjarji jistgħu jinkludu interessi bħal relazzjonijiet familjari jew mill-qrib.

3. Meta l-akkwiredent propost ikun persuna ġuridika li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha rreġistrat f'pajjiż terz, l-akkwiredent propost għandu jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali li ġejja lis-superviżur fil-mira:
  - (a) ċertifikat ta' mġiba tajba jew ekwivalenti meta mhux disponibbli, minn awtoritajiet barranin tas-settur finanzjarju fir-rigward tal-akkwiredent propost;
  - (b) fejn disponibbli, dikjarazzjoni minn awtoritajiet barranin tas-settur finanzjarju li mhumiex ta' ostaklu jew limitu għall-għoti tal-informazzjoni neċessarja għas-superviżjoni tal-impriża fil-mira;
  - (c) informazzjoni ġenerali dwar ir-reġim regolatorju ta' dak il-pajjiż terz kif applikabbli għall-akkwiredent propost.
4. Meta l-akkwiredent propost ikun fond ta' investiment sovrani, l-akkwiredent propost għandu jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali li ġejja lis-superviżur fil-mira:
  - (a) l-isem tal-ministeru jew id-dipartiment tal-gvern inkarigat mid-definizzjoni tal-politika ta' investiment tal-fond;
  - (b) dettalji tal-politika ta' investiment u kwalunkwe restrizzjoni fuq l-investiment;
  - (c) l-isem u l-pożizzjoni tal-individwi responsabbli mid-deċiżjonijiet ta' investiment għall-fond; u
  - (d) dettalji ta' kwalunkwe influwenza eżerċitata mill-ministeru jew mid-dipartiment tal-gvern identifikati dwar l-operazzjonijiet ta' kuljum tal-fond u l-impriża fil-mira.
5. Meta l-akkwiredent propost ikun fond ta' ekwità privata jew fond ħeġġ, l-akkwiredent propost għandu jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali li ġejja lis-superviżur fil-mira:
  - (a) deskrizzjoni dettaljata tal-prestazzjoni ta' akkwisti preċedenti mill-akkwiredent propost ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti f'istituzzjonijiet finanzjarji;
  - (b) dettalji tal-politika ta' investiment tal-akkwiredent propost u kwalunkwe restrizzjoni fuq l-investiment, inkluż dettalji dwar il-monitoraġġ tal-investiment, fatturi li jservu lill-akkwiredent propost bħala bażi għal deċiżjonijiet ta' investiment relatati mal-impriża fil-mira u fatturi li jwasslu għal bidliet fl-istrateġija ta' ħruġ tal-akkwiredent propost;
  - (c) il-qafas għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' investiment tal-akkwiredent propost, inkluż l-isem u l-pożizzjoni tal-individwi responsabbli għat-teħid ta' tali deċiżjonijiet; u
  - (d) deskrizzjoni ddettaljata tal-proċeduri kontra l-ħasil tal-flus tal-akkwiredent propost u tal-qafas legali kontra l-ħasil tal-flus applikabbli għalih.

#### **Taqsimha 6**

##### ***Informazzjoni dwar il-persuni li b'mod effettiv ser imexxu n-negozju tal-impriża fil-mira***

1. L-akkwiredent propost għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar ir-reputazzjoni u l-esperjenza ta' kwalunkwe persuna li b'mod effettiv ser tmexxi n-negozju tal-impriża fil-mira b'riżultat tal-akkwiredent propost lill-awtorità kompetenti:
  - (a) id-dettalji personali fosthom l-isem tal-persuna, id-data u l-post tat-twelid, in-numru personali tal-identifikazzjoni nazzjonali (meta disponibbli), l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt;
  - (b) il-kariga li għaliha l-persuna qiegħda jew se jra tinħatar;
  - (c) *curriculum vitae* ddettaljat li jindika edukazzjoni rilevanti u taħriġ professjonali, esperjenza professjonali, inkluż l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet kollha li għalihom

ħadmet il-persuna u n-natura u t-terminu tal-funzjonijiet mwettqa, b' mod partikolari għal kwalunkwe attività fl-ambitu tal-pożizzjoni mfittxija, u d-dokumentazzjoni dwar l-esperjenza tal-persuna, bħal lista ta' persuni ta' referenza inkluż informazzjoni ta' kuntratt u ittri ta' rakkomandazzjoni. Għal pożizzjonijiet miżmuma f'dawn l-aħħar 10 snin, fid-deskrizzjoni ta' dawn l-attivitajiet, il-persuna għandha tispeċifika s-setgħat delegati tagħha, is-setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet interni u l-oqsma tal-operazzjonijiet taħt il-kontroll tagħha. Jekk il-*curriculum vitae* jinkludi esperjenzi rilevanti oħra, inkluż rappreżentazzjoni tal-korp maniġerjali, dan għandu jiġi ddikjarat;

- (d) rekords kriminali, investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali, każijiet ċivili u amministrattivi rilevanti, u azzjonijiet dixxiplinari (inkluż skwalifika minn direttur ta' kumpanija jew falliment, insolvenza jew proċeduri simili), permezz ta' ċertifikat uffiċjali (jekk u sakemm ikun disponibbli fl-Istat Membru jew il-pajjiż terz rilevanti), jew permezz ta' dokument ekwivalenti ieħor. Għal investigazzjonijiet li jkunu għadhom għaddejjin, l-informazzjoni tista' tkun ipprovduta permezz ta' dikjarazzjoni ta' unur;
  - (e) informazzjoni dwar:
    - (1) investigazzjonijiet miftuħa, proċedimenti ta' infurzar, sanzjonijiet jew deċiżjonijiet oħra ta' infurzar kontra l-persuna;
    - (2) rifjut ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex jitwettaq kummerċ, negozju jew professjoni; jew l-irtirar, ir-revoka jew it-terminazzjoni ta' tali reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja; jew tkeċċija minn korp regolatorju jew governattiv jew korp professjonali jew assoċjazzjoni; u
    - (3) tkeċċija minn impjeg jew pożizzjoni ta' fiduċja, relazzjoni fiduċjarja jew sitwazzjoni simili;
  - (f) informazzjoni dwar jekk valutazzjoni tar-reputazzjoni bħala persuna li tmexxi n-negozju saritx diġà jew le minn awtorità superviżorja oħra, l-identità ta' dik l-awtorità u prova tal-eżitu ta' din il-valutazzjoni;
  - (g) deskrizzjoni ta' interessi finanzjarji u mhux jew relazzjonijiet tal-persuna u l-qraba viċini tiegħu jew tagħha ma' membri tal-korp maniġerjali u detenturi ta' funzjonijiet ewlenin fl-istess istituzzjoni, l-istituzzjoni omm u sussidjarji u azzjonisti;
  - (h) iż-żmien minimu li ser ikun iddedikat għall-prestazzjoni tal-funzjonijiet tal-persuna fid-ditta (indikazzjonijiet annwali u ta' kull xahar);
  - (i) il-lista ta' direttorati eżekuttivi u mhux eżekuttivi attwalment miżmuma mill-persuna.
- (2) Fir-rigward tal-punt (g) tal-paragrafu 1, interessi finanzjarji jistgħu jinkludu interessi bħal operazzjonijiet ta' kreditu, garanziji u rahan. Interessi mhux finanzjarji jistgħu jinkludu interessi bħal relazzjonijiet familjari jew mill-qrib.



**Taqsim 7**  
**Informazzjoni dwar l-akkwist propost**

L-informazzjoni li ġejja dwar l-akkwist propost għandha tingħata mill-akkwient propost lis-superviżur fil-mira:

- (a) identifikazzjoni tal-impriża fil-mira;
- (b) dettalji tal-intenzjonijiet tal-akkwient propost fir-rigward tal-akkwist propost, bħall-investment strateġiku jew l-investment tal-portafoll;
- (c) informazzjoni dwar l-ishma tal-impriża fil-mira li hija proprjetà ta', jew ikkontemplata sabiex tkun proprjetà ta', mill-akkwient propost qabel u wara l-akkwist propost, inkluż:
  - (1) in-numru u t-tip ta' ishma – jekk hux ishma ordinarji jew oħrajn – tal-impriża fil-mira proprjetà ta' jew maħsuba biex tkun akkwistata, mill-akkwient propost qabel u wara l-akkwist propost, flimkien mal-valur nominali ta' tali ishma;
  - (2) is-sehem tal-kapital globali tal-impriża fil-mira li kien taħt is-sjeda tal-ishma, jew li kien hemm il-ħsieb li jiġi akkwistat, mill-akkwient propost jirrappreżentaw qabel u wara l-akkwist propost;
  - (3) is-sehem tad-drittijiet tal-vot globali tal-impriża fil-mira li l-ishma kienu proprjetarji tagħhom, jew li kkontemplaw li jkunu proprjetarji tagħhom, mill-akkwient propost jirrappreżentaw qabel u wara l-akkwist propost, jekk differenti mis-sehem ta' kapital tal-impriża fil-mira;
  - (4) il-valur tas-suq, f'euros u fil-munita lokali, tal-ishma tal-impriża fil-mira bi sjeda ta', jew maħsuba biex jiġu akkwistati, mill-akkwient propost qabel u wara l-akkwist propost;
- (d) kwalunkwe azzjoni flimkien ma' partijiet oħra li għandha tinkludi, fost oħrajn, il-kunisdrazzjonijiet li ġejjin: il-kontribut ta' partijiet oħra għall-finanzjament, il-mezzi ta' parteċipazzjoni fl-arranġamenti finanzjarji u arranġamenti organizzazzjonali futuri;
- (e) il-kontenut tal-arranġamenti maħsuba tal-azzjonisti ma' azzjonisti oħra fir-rigward tal-impriża fil-mira;
- (f) il-prezz tal-akkwist propost u l-kriterji użati għad-determinazzjoni ta' tali prezz u, jekk hemm differenza bejn il-valur tas-suq u l-prezz tal-akkwist propost, spjegazzjoni ta' għaliex dak huwa l-każ.

**Taqsim 8**  
**Informazzjoni dwar l-istruttura tal-grupp ġdida proposta u l-impatt tagħha fuq is-superviżjoni**

1. Meta l-akkwient propost huwa persuna ġuridika, l-akkwient propost għandu jipprovdi lis-superviżur fil-mira analiżi tal-perimetru ta' superviżjoni kkonsolidata tal-impriża fil-mira u l-grupp li jkun jappartjeni għalih wara l-akkwist propost. Din għandha tinkludi informazzjoni dwar liema entitajiet ta' grupp ikunu inklużi fl-ambitu ta' rekwiżiti ta' superviżjoni kkonsolidata wara l-akkwist propost u fuq liema livelli fi ħdan il-grupp dawn ir-rekwiżiti jkunu japplikaw fuq bażi sħiħa jew subkonsolidata.
2. L-akkwient propost għandu jipprovdi wkoll, lis-superviżur fil-mira, analiżi dwar jekk l-akkwist propost huwiex ser iħalli b'xi mod impatt, inkluż b'riżultat tar-rabtiet mill-qrib tal-akkwient propost mal-impriża fil-mira, fuq il-kapaċità tal-impriża fil-mira li tkompli tipprovdi informazzjoni fil-ħin u preċiża lis-superviżur tagħha.

**Taqsim 9**  
**Informazzjoni dwar il-finanzjament tal-akkwist propost**

1. L-akkwiredent propost għandu jipprovdi spjegazzjoni ddettaljata, kif provdut fil-paragrafu 2, dwar is-sorsi speċifiċi ta' finanzjament għall-akkwist propost.
2. L-isjegazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:
  - (a) dettalji dwar l-użu ta' riżorsi finanzjarji privati u l-oriġini u d-disponibbiltà tal-fondi, inkluż kwalunkwe appoġġ f'forma ta' dokument rilevanti sabiex tkun ipprovduta lis-superviżur finanzjarju prova li ma jkun qiegħed isir l-ebda tentattiv ta' ħasil tal-flus permezz tal-akkwist propost;
  - (b) dettalji dwar il-mezzi ta' pagament tal-akkwist maħsub u n-netwerk użat għat-trasferiment tal-fondi;
  - (c) dettalji dwar l-aċċess għal sorsi kapitali u swieq finanzjarji inkluż dettalji dwar strumenti finanzjarji li għandhom jinħarġu;
  - (d) informazzjoni dwar l-użu ta' fondi mislufa inkluż l-isem tas-selliefa rilevanti u dettalji tal-faċilitajiet mogħtija, inkluż maturitajiet, termini, rahan u garanziji, flimkien ma' informazzjoni dwar is-sors ta' dħul li għandu jintuża sabiex jitħallas mill-ġdid tali self u l-oriġini tal-fondi mislufa meta l-mutwant ma jkunx istituzzjoni finanzjarja sorveljata;
  - (e) informazzjoni dwar kwalunkwe arranġament finanzjarju ma' azzjonisti oħra tal-impriża fil-mira;
  - (f) informazzjoni dwar assi tal-akkwiredent propost jew l-impriża fil-mira li għandhom jinbigħu sabiex jgħinu fil-finanzjament tal-akkwist propost, bħal kundizzjonijiet tal-bejgħ, prezz, evalwazzjoni u dettalji dwar il-karatteristiċi tagħhom, inkluż informazzjoni dwar meta u kif l-assi ġew akkwistati.

**Taqsim 10**  
**Rekwiżiti ta' informazzjoni addizzjonali meta l-akkwist propost iwassal għal parteċipazzjoni kwalifikanti sa 20 %**

Meta l-akkwist propost iwassal biex l-akkwiredent propost ikollu parteċipazzjoni kwalifikanti fl-impriża fil-mira sa 20 %, l-akkwiredent propost għandu jipprovdi dokument dwar l-istrateġija lis-superviżur fil-mira li jinkludi, fejn rilevanti, l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-istrateġija tal-akkwiredent propost dwar l-akkwist propost, inkluż il-perjodu li għalih l-akkwiredent propost għandu l-ħsieb li jwettaq il-partiċipazzjoni azzjonarja tiegħu wara l-akkwist propost u kwalunkwe intenzjoni tal-akkwiredent propost li jżid jew inaqqas jew iżomm il-livell tal-partiċipazzjoni azzjonarja tiegħu fil-futur prevedibbli;
- (b) indikazzjoni tal-intenzjonijiet tal-akkwiredent propost lejn l-impriża fil-mira, u b'mod partikolari jekk huwiex beħsiebu jaġixxi bħala azzjonista ta' minoranza attiva, u r-raġunament wara dik l-azzjoni;
- (c) informazzjoni dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-akkwiredent propost u r-rieda tiegħu li jappoġġja l-impriża fil-mira b'fondi proprji addizzjonali jekk meħtieġ għall-iżvilupp tal-attivitajiet tiegħu jew f'każ ta' diffikultajiet finanzjarji.

### **Taqsim 11**

#### **Rekwiżiti ta' informazzjoni addizzjonali meta l-akkwist propost iwassal għal parteċipazzjoni kwalifikanti ta 20 % u sa 50 %**

1. Meta l-akkwist propost iwassal biex l-akkwired propost ikollu parteċipazzjoni kwalifikanti fl-impriża fil-mira ta' 20 % u sa 50 %, l-akkwired propost għandu jipprovdi dokument dwar l-istrateġija lis-superviżur fil-mira li jinkludi, fejn rilevanti, l-informazzjoni li ġejja:
  - (a) l-informazzjoni kollha mitluba skont it-Taqsim 10 ta' dan l-Anness;
  - (b) dettalji dwar l-influenza li l-akkwired propost beħsiebu jeżerċita fuq il-pożizzjoni finanzjarja inkluż il-politika tad-dividendi, l-iżvilupp strateġiku, u l-allokkazzjoni ta' riżorsi tal-impriża fil-mira;
  - (c) deskrizzjoni tal-intenzjonijiet u l-aspettattivi tal-akkwired propost lejn l-impriża fil-mira fit-terminu medju, li tkopri l-elementi kollha msemmija fit-Taqsim 12(2) ta' dan l-Anness.
2. Meta, skont l-istruttura globali tal-azzjonista tal-impriża fil-mira, l-influenza eżerċitata mill-parteeipazzjoni azzjonarja tal-akkwired propost hija kkunsidrata ekwivalenti għall-influenza eżerċitata minn parteċipazzjonijiet azzjonarji ta' 20 % u sa 50 %, l-akkwired propost għandu jipprovdi l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1.

### **Taqsim 12**

#### **Rekwiżiti ta' informazzjoni addizzjonali meta l-akkwist propost iwassal għal parteċipazzjoni kwalifikanti ta' 50 % jew aktar, jew meta l-impriża fil-mira ssir sussidjarja tal-akkwired propost**

1. Meta l-akkwist propost iwassal biex l-akkwired propost ikollu parteċipazzjoni kwalifikanti fl-impriża fil-mira ta' 50 % jew aktar, jew biex l-impriża fil-mira ssir sussidjarja tiegħu, l-akkwired propost għandu jipprovdi pjan ta' negozju lis-superviżur fil-mira li ser jinkludi pjan ta' żvilupp strateġiku, rapporti finanzjarji stmati tal-impriża fil-mira, u l-impatt tal-akkwist fuq il-governanza korporattiva u l-istruttura organizzazzjonali ġenerali tal-impriża fil-mira.
2. Il-pjan ta' żvilupp strateġiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jindika, f'termini ġenerali, l-għanijiet prinċipali tal-akkwist propost u l-mezzi ewlenin sabiex dawn jinkisbu, inkluż:
  - (a) l-għan ġenerali tal-akkwist propost;
  - (b) għanijiet finanzjarji għal żmien medju li jistgħu jiġu indikati f'termini ta' redditu fuq l-ekwità, proporzjon kostijiet-benefiċċji, qligħ għal kull sehem, jew f'termini oħra kif xieraq;
  - (c) ir-ridirezzjoni possibbli tal-attivitajiet, prodotti, klijenti fil-mira u l-allokkazzjoni mill-ġdid possibbli ta' fondi jew riżorsi li mistennija jħallu impatt fuq l-impriża fil-mira;
  - (d) proċessi ġenerali għall-inklużjoni u l-integrazzjoni tal-impriża fil-mira fl-istruttura tal-grupp tal-akkwired propost, inkluż deskrizzjoni tal-interazzjonijiet ewlenin li għandhom isiru ma' kumpaniji oħra fil-grupp, kif ukoll deskrizzjoni tal-politiki li jirregolaw ir-relazzjonijiet intragrupp.

Fir-rigward tal-punt (d), għal istituzzjonijiet awtorizzati u sorveljati fl-Unjoni, informazzjoni dwar id-dipartimenti partikolari fi ħdan l-istruttura tal-grupp li huma affettwati mit-tranżazzjoni għandha tkun biżżejjed.

3. Ir-rapporti finanzjarji stmati tal-impriża fil-mira msemija fil-paragrafu 1 għandhom, kemm fuq bażi individwali kif ukoll, fejn applikabbli, ikkonsolidata, għal perjodu ta' tliet snin jinkludu dan li ġej:
  - (a) karta tal-bilanċ prevista u rapport tal-introjtu;
  - (b) rekwiżiti kapitali prudenzjali previsti u l-proporzjon tas-solvenza;
  - (c) informazzjoni dwar il-livell ta' skoperturi għar-riskju inkluż riskji ta' kreditu, tas-swieg u operazzjonali kif ukoll riskji rilevanti oħra;
  - (d) previżjoni ta' tranżazzjonijiet intragupp proviżjonali.
4. L-impatt tal-akkwist fuq il-governanza korporattiva u l-istruttura organizzazzjonali ġenerali tal-impriża fil-mira msemija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-impatt fuq:
  - (a) il-kompożizzjoni u d-dmirijiet tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, u l-kumitati ewlenin li jinħolqu minn tali korp tat-teħid ta' deċiżjonijiet inkluż il-kumitat tal-ġestjoni, il-kumitat tar-riskju, il-kumitat tal-awditjar, il-kumitat tar-rimunerazzjoni u kwalunkwe kumitat ieħor, inkluż informazzjoni li tikkonċerna l-persuni li jkunu ser jinħatru sabiex imexxu n-negozju;
  - (b) proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi u kontrolli interi, inkluż bidliet fi proċeduri u sistemi li għandhom x'jaqsmu mal-kontabilità, l-awditu intern, il-konformità inkluż il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġestjoni tar-riskju, u inkluż ukoll il-ħatra tal-funzjonijiet ewlenin tal-awditur intern, l-uffiċjal għall-konformità u l-amministratur tar-riskju;
  - (c) l-arkitettura globali tal-IT inkluż kwalunkwe bidla li tikkonċerna l-politika tal-esternalizzazzjoni, il-flowchart tad-data, is-softwer intern u estern użat u d-data u l-proċeduri u l-għodod ta' sigurtà tas-sistemi essenzjali inkluż ir-riżerva, il-pjanijiet ta' kontinwità u r-rekords tal-awditjar;
  - (d) il-politiki li jirregolaw l-esternalizzazzjoni, inkluż informazzjoni dwar l-oqsma kkonċernati, dwar l-għażla tal-fornituri tas-servizz, u dwar id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tal-partijiet prinċipali kif stabbilit f'kuntratti bħal arranġamenti ta' awditjar u l-kwalità tas-servizz mistennija mill-fornitur;
  - (e) kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti li tappartjeni għall-impatt tal-akkwist fuq il-governanza korporattiva u l-istruttura organizzazzjonali ġenerali tal-impriża fil-mira, inkluż kwalunkwe modifika fir-rigward tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti.

### **Taqsim 13**

#### **Rekwiżiti ta' informazzjoni mnaqqsa**

1. Meta l-akkwiredent propost ikun entità awtorizzata u sorveljata fl-Unjoni Ewropea u l-impriża fil-mira tissodisfa l-kriterji pprovduti fil-paragrafu 2 ta' din it-Taqsim, l-akkwiredent propost għandu jissottometti l-informazzjoni li ġejja lis-superviżur fil-mira:
  - (a) Meta l-akkwiredent propost ikun persuna fiżika:
    - (1) l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsim 3(1) ta' dan l-Anness;
    - (2) l-informazzjoni stabbilita fil-punti (c) sa (g) tal-paragrafu 1 tat-Taqsim 4 ta' dan l-Anness;
    - (3) l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsimiet 6, 7 u 9 ta' dan l-Anness;
    - (4) l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsim 8(1) ta' dan l-Anness;

- (5) meta l-akkwist propost iwassal biex l-akkwired propost ikollu parteċipazzjoni kwalifikanti fl-impriża fil-mira sa 20 %, dokument dwar l-istrateġija kif stabbilit fit-Taqsima 10 ta' dan l-Anness;
  - (6) meta l-akkwist propost iwassal biex l-akkwired propost ikollu parteċipazzjoni kwalifikanti fl-impriża fil-mira ta' 20 % jew aktar, dokument dwar l-istrateġija kif stabbilit fit-Taqsima 11 ta' dan l-Anness.
- (b) Meta l-akkwired propost huwa persuna ġuridika jew meta jeżisti fiduċjarju jew ikun jirriżulta mill-akkwist propost:
- (1) l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 3(2) u fejn rilevanti, it-Taqsima 3(3) ta' dan l-Anness;
  - (2) l-informazzjoni stabbilita fil-punti (c) sa (j) tat-Taqsima 5(1) ta' dan l-Anness u, fejn rilevanti, l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 5(4) ta' dan l-Anness;
  - (3) l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsimiet 6, 7 u 9 ta' dan l-Anness;
  - (4) l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 8(1) ta' dan l-Anness;
  - (5) meta l-akkwist propost iwassal biex l-akkwired propost ikollu parteċipazzjoni kwalifikanti fl-impriża fil-mira sa 20 %, dokument dwar l-istrateġija kif stabbilit fit-Taqsima 10 ta' dan l-Anness; u
  - (6) meta l-akkwist propost iwassal biex l-akkwired propost ikollu parteċipazzjoni kwalifikanti fl-impriża fil-mira ta' 20 % jew aktar, dokument dwar l-istrateġija kif stabbilit fit-Taqsima 11 ta' dan l-Anness.
2. Ir-rekwiżiti pprovduti fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal akkwisti f'ditti tal-investment li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin kollha:
- (a) ma jżommux l-assi tal-klijenti;
  - (b) mhumiex awtorizzati għas-servizzi u l-attivitajiet ta' investment "In-negozjar akkont tagħhom infushom" jew "Is-sottoskrizzjoni tal-istrumenti finanzjarji u/jew it-tqegħid tal-istrumenti finanzjarji fuq bażi soda ta' impenn" msemija fil-punti (3) u (6) tat-Taqsima A tal-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE;
  - (c) f'każ li jiġu awtorizzati għas-servizz ta' investment ta' "Ġestjoni tal-portafoll" kif imsemmi fil-punt 4 tat-Taqsima A tal-Anness 1 tad-Direttiva 2004/39/KE, l-assi ġestiti mid-ditta huma taħt il-500 miljun ewro.
3. Jekk l-akkwired propost ġie vvalutat mis-superviżur fil-mira fis-sentejn li għaddew, dwar l-informazzjoni diġà miżmuma mis-superviżur fil-mira, dak l-akkwired propost għandu jipprovdri biss dawk il-biċċiet ta' informazzjoni li nbidlu sa mill-valutazzjoni preċedenti.
- Fejn ma kien hemm l-eda bidla, l-akkwired propost għandu jiffirma dikjarazzjoni li tinforma lis-superviżur fil-mira li m'hemm l-ebda bżonn li tiġi aġġornata tali informazzjoni peress li tibqa' ma tinbidilx mill-valutazzjoni preċedenti.

## Anness II – Eżempji prattiċi tad-determinazzjoni ta’ akkwisti ta’ parteċipazzjonijiet indiretti

Dan l-Anness jistabbilixxi erba’ eżempji ta’ kif għandhom jiġu applikati l-kriterji sabiex jiġi ddeterminat jekk parteċipazzjoni kwalifikanti hijiex akkwistata u d-daqs ta’ tali akkwist indirett. Għall-finijiet ta’ simplifikazzjoni tal-eżempji, huwa preżunt li l-kontroll huwa miksub biss jekk id-daqs tal-parteeċipazzjoni li tkun qed tiġi akkwistata huwa iżjed minn 50 % (għalkemm kontroll għandu jkun akkwistat ukoll b’parteċipazzjoni iżgħar). Barra minn hekk, huwa preżunt li l-ebda influwenza sinifikanti mhija akkwistata, li jista’ jkun ukoll improbabbli fil-prattika fl-eżempji mogħtija.

Fl-ewwel tliet eżempji, “T” hija l-impriża fil-mira u l-entità li qiegħda fl-ogħla punt fil-katina murija fil-figuri, li hija rispettivament “C” fil-Figura 1 u 2 u “D” fil-Figura 3 hija l-akkwiredent propost. Persuni li għandhom kontroll fuq l-akkwiredent indirett propost ma jidhrux fil-figuri iżda huma kkunsidrati fl-eżempji. Ir-raba’ xenarju jistabbilixxi eżempju maħdum tal-kalkolu ta’ parteċipazzjonijiet indiretti fi struttura aktar kumplessa.

Figura 1:




Figura 2:





Figura 3:



### **L-ewwel eżempju**

Fil-Figura 1, wara l-akkwist ta' kontroll ta' C fuq B, C tkun, f'konformità mal-kriterju ta' kontroll kif stabbilit fil-paragrafu 6.3 tal-Linji Gwida, meqjusa bħala li akkwistat b'mod indirett parteċipazzjoni kwalifikanti fl-impriża fil-mira, diment li l-entità kkontrollata, B, jkollha parteċipazzjoni kwalifikanti f'T li hija ugwali għal 10 %. Il-persuni l-oħrajn kollha li għandhom, direttament jew indirettament, kontroll fuq C ikunu, f'konformità mal-kriterju ta' kontroll kif stabbilit fil-paragrafu 6.3 tal-Linji Gwida, meqjusin ukoll bħala li akkwistaw b'mod indirett parteċipazzjoni kwalifikanti fl-impriża fil-mira, u d-daqs tal-parteeċipazzjoni akkwistata minn C u minn kull tali persuna għandu jitqies bħala ugwali għal 10 %.

M'hemmx bżonn li jiġi applikat il-kriterju ta' multiplikazzjoni, kif deskritt fil-paragrafu 6.6 tal-Linji Gwida.

### **It-tieni eżempju**

Fil-Figura 2, C ma takkwistax kontroll fuq B u, għalhekk, l-ebda parteċipazzjoni kwalifikanti mhija meqjusa bħala akkwistata f'konformità mal-applikazzjoni tal-kriterju ta' kontroll kif stabbilit fil-paragrafu 6.3 tal-Linji Gwida.

Sabiex jiġi vvalutat jekk parteċipazzjoni kwalifikanti hijiex akkwistata indirettament, il-kriterju ta' multiplikazzjoni jrid jiġi ttestjat. Dan jitlob li l-perċentwal tal-parteeċipazzjoni akkwistata minn C f'B jiġi mmultiplikat bil-perċentwal tal-parteeċipazzjoni ta' B f'T ( $49 \% \times 100 \%$ ). Peress li r-riżultat huwa 49 %, parteċipazzjoni kwalifikanti ser tkun meqjusa bħala akkwistata indirettament minn C. Fid-dawl tal-applikazzjoni tal-paragrafu 6.6 tal-Linji Gwida, C u kull persuna jew persuni li għandhom, direttament jew indirettament, kontroll fuq C għandhom jiġu kkunsidrati li jakkwistaw indirettament parteċipazzjoni kwalifikanti ugwali għal 49 %. Il-kriterju ta' multiplikazzjoni għandu jkun applikat lill-azzjonisti f'C li m'għandhomx kontroll fuq C, minn isfel tal-katina korporattiva, li huwa l-parteeċipazzjoni diretta fl-impriża fil-mira.

### **It-tielet eżempju**


Fil-Figura 3, D ma takkwistax kontroll fuq C; għalhekk, ma jkun hemm l-ebda akkwist indirett ta' parteċipazzjoni kwalifikanti f'konformità mal-kriterju ta' kontroll. Sabiex jiġi vvalutat jekk D għandhiex tiġi kkunsidrata bħala akkwirent indirett ta' parteċipazzjoni kwalifikanti f'T, għandu jiġi applikat il-kriterju ta' multiplikazzjoni. Dan jinvolti l-multiplikazzjoni tal-perċentwali tal-parteeċipazzjonijiet fil-katina korporattiva (li huma l-parteeċipazzjoni ta' D f'C, il-parteeċipazzjoni ta' C f'B u l-parteeċipazzjoni ta' B f'T). Peress li l-perċentwal li jirriżulta huwa 10.2 %, D għandha titqies bħala li takkwista indirettament parteċipazzjoni kwalifikanti f'T. Fid-dawl tal-applikazzjoni tal-paragrafu 6.6 tal-Linji Gwida, kull persuna jew persuni li għandhom, direttament jew indirettament, kontroll fuq D għandhom ukoll jiġu kkunsidrati li jakkwistaw indirettament parteċipazzjoni kwalifikanti ugwali għal 10.2 %.

**Ir-raba' eżempju**

Il-figura t'hawn taħt tistabbilixxi struttura korporattiva sħiħa, li turi għal kull azzjonist id-daqs tal-parteciċipazzjoni indiretta tiegħu fl-impriża fil-mira (T).

Fil-każ ta' kull azzjonist, id-daqs tal-parteciċipazzjoni tiegħu fl-entità immedjatament taħt jidher ħdejn il-vleġġa li turi l-parteciċipazzjoni. Id-daqs tal-parteciċipazzjoni diretta jew indiretta fl-impriża fil-mira jintwera bejn parentesi fil-kaxxa li turi l-azzjonist.

Iċ-ċart għandha titqies bħala li turi l-istruttura tal-parteciċipazzjoni wara t-tlestija ta' akkwist. Jekk id-daqs tal-parteciċipazzjoni diretta jew indiretta fl-impriża fil-mira tal-entità li tkun għamlet l-akkwist attwali huwa tal-anqas 10 %, dik l-entità tkun meqjusa li akkwistat parteciċipazzjoni kwalifikanti. Parteciċipazzjoni kwalifikanti tkun ikkunsidrata wkoll li ġiet akkwistata minn dawk tal-azzjonisti diretti jew indiretti tagħha, li ser jitqiesu bħala li akkwistaw parteciċipazzjoni indiretta fl-impriża fil-mira ta' mill-anqas 10 %,






Didaskalija:



Id-daqs tal-parteċipazzjoni ta' azzjonist fl-entità eżattament taħtu



Parteċipazzjoni indiretta ta' 100 % miksuba bl-użu tal-kriterju ta' kontroll



Parteċipazzjoni indiretta ta' 49 % miksuba bl-użu tal-kriterju ta' kontroll



F'konformità mal-paragrafu 6.6(b) tal-Linji Gwida, parteċipazzjoni indiretta ta' 49 % ta' persuna li għandha kontroll fuq detentur ta' parteċipazzjoni indiretta ta' 49 %, id-daqs tal-parteċipazzjoni indiretta tal-azzjonist aħħari li jkun ġie ddeterminat skont il-kriterju ta' multiplikazzjoni.